**ATT XIX TA' L-1977 (KAP 273)**

**ATT DWAR L-INKJESTI**

# INKJESTA DWAR L-EŻAMI INDIPENDENTI TAS-SISTEMI, *POLICIES* U REGOLAMENTI KURRENTI OPERATI MILL-AĠENZIJA TAS-SERVIZZI KORRETTIVI

**SUMMARJU TAR-RAPPORT TAL-BORD TA' INKEJSTA**

Illum 9 ta' Diċembru 2021

## 1. Kostituzzjoni tal-Bord

Fid-9 ta' Awwissu, 2021, l-Onor. Dottor Byron Camilleri, Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, ħatar lill-Psikjatra Dr Anton Grech bħala Chairperson tal-Bord, u lill-Mediku Dr Gorg Grech u l-Akkademika Dr Janice Formosa Pace bħala membri u dan skont l-Artikoli 3(b) u (c) u 4 ta' l-Att dwar l-Inkjesti, Kap 273, iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-'Att', biex:

(a) L-iskrutinju tal-proċeduri segwiti fl-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi fir-rigward tal-assessjar tas-saħħa mentali u fiżika ta' priġunieri li jkunu għadhom kemm ġew ammessi fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, u li tkun tinkludi wkoll studju dwar ir-regoli adottati mill-Aġenzija tal-proċess ta' introduzzjoni fis-sistemi tal-Faċilità;

(b) L-iskrutinju tal-proċeduri segwiti mill-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi fir-rigward tal-assessjar tas-saħħa mentali u fiżika tal-priġunieri tul il-perjodu li fih ikunu qed jiskontaw sentenza, kif ukoll analiżi tar-regoli segwiti mill-Aġenzija;

(c) L-iskrutinju fuq il-proċeduri segwiti mill-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi fir-rigward ta' priġunieri li jkunu rilaxxati mill-isptar Monte Karmeli u li jkunu qed jirritornaw lura fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, flimkien mas-sistemi li hemm fis-seħħ dwar assessjar kontinwu mill-Aġenzija fuq il-priġunieri;

(d) L-skrutinju fuq il-proċeduri, politika u regolamenti li ssegwi l-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi fir-rigward tar-riabilitazzjoni tal-priġunieri, inkluż u mhux limitatat, b'analiżi fuq l-livell ta' sapport offrut lil priġunier b'rabta ma xi forma jew oħra ta' vizzju li jistgħu jkunu jbgħatu minnhom l-istess priġunieri;

(e) L-skrutinju fuq il-miżuri għall-prevenzjoni mis-suwiċidju li ssegwi l-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi.

(f) Il-konklużjoni tal-Inkjesta, ir-rapport irid jiġi ppreżentat għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, liema rapport għandu jidentifika l-konklużjonijiet, inkluż rakkomandazzjonijiet għal-bdil fis-sistema kurrenti li huma kkunsidrati neċessarji, kif ukoll kwalunkwe emendi leġislattivi meqjusa neċessarji għall-implimentazzjoni ġusta tar-rakkomandazzjonijiet.

Il-Bord kellu terminu ta' 60 ġurnata biex ilesti ħidmietu, iżda biex ikun assigurat li sar ix-xogħol skont kif deher xieraq, l-istess Bord talab illi jitwal il-perjodu b'xahrejn oħra, liema talba kienet aċċettata mill-Ministru għall-Intern.

Tul iż-żmien ta' ħidma, l-Bord sema' u evalwa l-kummenti ta' partijiet interessati fis-sistemi korrettivi ta' pajjiżna, kif ukoll ma' imsieħba ewlenin, għaqdiet volontarji, u ma' persuni li jservu fl-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi.

Fid-dawl ta' dan kollu, dan ir-rapport seri kun qed jiffoka l-punti rispettivi b'resumè minn dawk mitkellem minn dawk li dehru quddiem il-Bord, kif ukoll rakkomandazzjonijiet rispettivi dwar dan.

**Preambolu:**

Dan ir-rapport tal-Inkjesta ħa inkonsiderazzjoni l-kuntest li fih l-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi bdiet taffettwa tibdiliet bħala parti mill-proċess ta' riforma inawgurata tliet snin ilu. Fid-dawl ta' dan, referenza qegħda ssir għall-proċess mibdi fis-sena 2018, liema proċess jelenka r-riorganizzazzjoni li kellha twettaq il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin bħala l-Ħabs f'Malta fis-snin li jsegwu.

Ir-ristrutturar tal-funzjonijiet amministrattivi maqsuma fi tliet strutturi distinti u ċioe [operazzjoni (amministrazzjoni), kura u ri-integrazzjoni, riabilitazzjoni u sigurtà] ġew indirizzati. L-istess jista' jingħad għall-katalizzazzjoni tal- "kura u ri-integrazzjoni" permezz tat-terrapija familjari; il-proġett "Locked Out" li beda f'Jannar li għadda jagħti lok għal dan. It-tfassil tal-"care plans" għar-residenti kollha kien ukoll sottolineat bħala sfera li kienet ilha mitluqa għal żmien twil. Għalhekk, it-tnedija tal-koordinaturi tal-"care plans" indirizzat din il-problema b'mod estensiv. It-twaqqif ukoll tal-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi u ż-żieda tal-impjegati ċivili (staff mediku u soċjo-psikjatriku) f'dan l-aħħar żminijiet huma frott ta' din ir-riforma hawn fuq imsemmija. Ta' min jinnota ukoll li l-istess riforma emfasizzat il-bżonn tat-tiġdid ta' sorsi potenzjali ta' sustanzi u oġġetti illeċiti, kif ukoll ta' dawra mill-qiegħ tat-teknoloġiji tas-sigurtà. Bla dubju ta' xejn, ix-xiri ta' apparat bħal scanners u makkinarju li janalizza l-urina u t-tags elettroniċi jaqdu il-bidliet mitluba. Barra minn hekk, dan ir-rapport t'inkjesta joħroġ fid-deher il-kultura ta' ħelsien mid-droga li fil-preżent tipprevali ġewwa l-konfini tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

Madanakollu, minkejja dak li qed jingħad, jeżistu sferi li għandhom jiġu indirizzati sabiex il-"mission statement" li jgħid: " Bħala faċilità korrettiva, aħna naħdmu biex nipprovdu kustodja sana u sigurta' lill-inkarċerati bil-għan ta' riabilitazzjoni, għal soċjetà Maltija iktar sigura" (Rapport tar-Riforma, 2018, p.14) isseħħ fl-intier kollu tagħha. Dan ir-Rapport t-Inkjesta' jitfa' dawl fuq numru ta' rakkomandazzjonijiet li huma mfittxija biex jippermettu l-proċess kontinwu u trasformattiv li jwassall għall-bilanċ bejn saħħa, sigurtà u kura tal-inkarċerati kollha.

2. **Termini ta' Referenza:**

A. **L-iskrutinju tal-proċeduri segwiti fl-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi fir-rigward tal-assessjar tas-saħħa mentali u fiżika ta' priġunieri li jkunu għadhom kemm ġew ammessi fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, u li tkun tinkludi wkoll studju dwar ir-regoli adottati mill-Aġenzija tal-proċess ta' introduzzjoni fis-sistemi tal-Faċilità**

Din is-sezzjoni tipprovdi ħarsa estensiva mifruxa għall-mod kif l-inkarċerati jiġu milqugħa hekk kif jaslu l-ħabs b'mod partikulari r-reġistrazzjoni tal-inkarċerati mal-wasla tagħhom fil-ħabs, l-iscreening mediku, u l-lok fejn jintbagħatu għad-detenzjoni u tfassil tal-care plans.

Fil-preżent, l-inkarċerati jiġu eskortati l-ħabs mill-pulizija u din l-iskorta tibqa' għaddejja sakemm ir-reġistrazzjoni titlesta. Ġaladarba jasal fir-Reġistru, il-persuna tiġi reġistrata u d-data tiegħu/ha tkun imdaħħla fil-bażi tad-data (database). Kwestjonarju jiġi amministrat lil kull detenut/a ġdid/a. Dan jiġi segwit permezz ta' test bijometriku, it-teħid tal-marki tas-swaba u t-teħid tar-ritratti. Fir-rigward tad-detenuti li kienu diġa' l-ħabs, id-data tiġi aġġornata skont il-bżonn. Kull detenut jiġi assenjat b'kodiċi ta' identifikazzjoni. Madanakollu pass fid-direzzjoni t-tajba jqarreb is-Sistema Tal-Immaniġġjar tad-detenuti (Offender Management System) li hija mistennija li tibda titħaddem. Din is-sistema tippermetti li d-data li qegħda fil-pussess tal-awtoritajiet tal-Ħabs tiġi amalgamata ma' data oħra fil-pussess tal-Pulizija, tas-servizzi mediċi (tal-komunità ) u tal-Qrati.

Wara r-reġistrazzjoni, issir tfittxija , li tinkludi l-użu tal-iscannars u tfittxija fuq il-persuna (body search) mill-istaff mediku. Sussegwentement, id-detenuti li jinħtiġilhom ineħħu il-ħwejjeġ jiġu pprovduti uniformi. Din l-uniformi, riċentement ġiet mibdulha; issa għandha d-dehra ta' tracksuit moderna u pulita, flimkien ma' shorts u flokk għax-xhur tas-Sajf. Fir-Records tinżamm l-informazzjoni f'liema ċella jintbagħat id-detenut u din tkun aġġornata kuljum.

Meta wieħed jiddaħħal il-ħabs, kull detenut jiġi eżaminat minn tabib f'temp ta' siegħa jew sagħtejn wara li jkun daħal anke jekk jidħol tard filgħaxija. Minħabba l-Covid-19, il-

persuna li tkun se tiġi inkarċerata isirilha test rapidu hekk kif tasal il-ħabs akkumpanjata mill-pulizija; ir-riżultat huwa immedjat. Dan huwa meħtieġ biex jiġi determinat fejn jintbagħat il-priġunier, naturalment dan jiddependi jekk ir-riżultat tat-test ikunx pożittiv jew negattiv. Jittieħed ukoll test tal-urina biex jiġi determinat jekk id-detenut ikunx assuma droga u f'każ li l-priġuniera tkun mara, jsirilha ukoll test minn persuna medika, biex jiddetermina jekk tkunx tqila. Test tal-Covid-19 PCR jittieħed ukoll lill-persuna maskili li tkun ser tinżamm maqfula tal-anqas (24 siegħa), f'ċella singola sakemm jasal ir-riżultat minn Mater Dei. Hemm tliet kmarar singoli għal-irġiel li l-bord hu tal-fehma li jkunu rinovati, minbarra li kultant żewġ prigunieri jinżammu f'ċella waħda minħabba li relattivament numru kbir ta' priġunieri jiġu reġistrati fl-istess ġurnata. Fil-mument li fih kienet qed tinżamm din l-inkjesta, kien innutat li meta jiġu maqfula f'kamra singola, żewġ priġunieri irġiel, dawn idumu maqfula għal 23 siegħa u joħorġu siegħa miċ-ċella. Din il-proċedura kienet segwita b'erbatax-il (14) ġurnata kwarantina fid-Diviżjoni 6. Madanakollu, ħarsa fil-fond lejn l-analiżi ta' kif kienu maqfula il-Ħabs bejn l-1 ta' Settembru 2020 u l-31 ta' Ottubru 2021 juri li kull priġunier ġdid li daħal il-Ħabs għamel 14-il ġurnata kwarantina. Mhux ċar xi kriterji ġew addottati rigward kemm damu f'Diviżjoni 6 id-detenuti ġodda li daħlu.

Diviżjoni 6 intużat biex tilqa' fiha detenuti li ġew trasferiti minn Diviżjoni oħra bħala miżura dixxiplinarja minħabba mġieba ħażina. Fi kliem ieħor Diviżjoni 6 laqa' fih flimkien priġunieri li kienu għadhom kemm daħlu l-ħabs u oħrajn li tpoġġew hemm wara xi sanzjoni. Filwaqt li huwa fatt magħruf dwar kif il-pandemija ġabet magħha ċirkostanzi straordinarji, mhux prattika tajba li priġunieri li jkunu għadhom kemm daħlu l-ħabs spiċċaw f'din id-diviżjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi ma' priġunieri li kienu trasferiti fiha minħabba dixxiplina.

Fid-dawl tax-xogħolijiet li qed isiru f'Diviżjoni 6, dan l-aħħar Diviżjoni 13 intużat biex tilqa' fiha priġunieri li kienu sanzjonati. Id-Diviżjoni 13 titħaddem b'mod differenti; l-ikel jiġi servut fl-10:30 ta' filgħodu, id-detenuti jinżammu maqfula għal 18.5 siegħat kuljum u billi jinqaflu fl-4:00 ta' wara nofsinhar sal-għada filgħodu, l-ikel jitqassam bejn 4:30 u l-5:00 ta' wara nofsinhar waqt li jkunu maqfulin. Fix-xhur tas-Sajf, f'dan il-post tinħass is-sħana sew. Minbarra dan, din id-diviżjoni ma għandiex faċilitajiet ta' television. Id-detenuti tad-Diviżjoni 13 huma pprojbiti li jkollhom viżiti l-anqas dawk ta' bla kuntatt (non contact visits).

Fl-eqqel żmien tal-Covid-19, meta l-vaċċin ma kienx disponibbli jew mhux daqshekk mifrux bħal-lum, 14-il ġurnata kwarantina kif mitluba mill-evidenza xjentifika kienet neċessarja. Dawk il-priġunieri li jittestjaw fil-pożittiv waqt il-kwarantina jiġu ttestjati medikament darbtejn kuljum; dan jgħodd ukoll għal priġunieri kollha li jkunu kwarantina.

Dormitorju qed jintuża biex jilqa' fih detenuti ġodda irġiel (arrestati u sentenzjati) waqt li jinsab għaddej ix-xogħol f'Diviżjoni 6. Barra minhekk, ta' min jinnota li l-perjodu ta' kwarantina ta' 14-il ġurnata kienet reċentement riveduta għal priġunieri ġodda li huma mlaqqma jew li ttestjaw fin-negattiv fil-Covid-19 Rapid Testing; issa l-perjodu ta' kwarantina huwa ta' bejn 24-48 siegħa.

It-tabib mediku li jeżamina lill-priġunieri ġodda li jiddaħħlu, jiġu mistoqsija sett ta' mistoqsijiet. Il-Y.O.U.R.S. Unit tal-Mtaħleb jibbenefika wkoll mis-servizz ta' tabib skont l-iskeda. Matul dawn l-aħħar xhur, it-tim mediku insista li huma jkollhom aċċess għall-case summary elettroniku tal-każ għaliex b'hekk huma jkollhom aċċess għad-data tal-istorja ta' kemm damu l-isptar Mater Dei u l-isptar Monti Karmeli. Din l-informazzjoni hija kruċjali għad-detenuti li mhumiex Maltin li konsegwentament jista' jkun hemm diffikulta' minħabba l-lingwa. Il-case summary jippermetti lit-tim mediku li jimla' xi vojt li jista' jkun hemm (jekk ikun hemm) fil-verżjoni mogħtija mill-priġunier.

Punt ieħor ta' kuntatt importanti huwa d-Detox Unit liema ċentru għandu data fuq min jieħu l-methadone fuq skala nazzjonali li tiġi aġġornata kuljum. Għalhekk il-methadone li tingħata lill-priġunieri ġodda tkun tirrifletti dik fl-istorja tagħhom. Priġunieri li jkunu fuq il-Methadone qabel ma ddaħħlu l-ħabs jiġu mpoġġija fuq Clincal Opiate Withdrawal Scale (COWS). L-għan ta' dan kollu huwa li l-priġunier jitnaqqaslu d-doża ta' methadone li jieħu skont il-parametri mediċi, imma jkun hemm każijiet fejn ikollok tibda mill-ġdid.

Jekk meta jidħol, persuna tinstab pożittiva għas-sustanzi jew juri xi sintomi ta' rtirar għalih waħdu, il-priġunier dejjem jiġi riferut lill-Forensic Unit tal-isptar Monte Carmeli. Iċ-Ċentru tal-Forensika tieħu ħsieb tagħti servizz one to one li ma jistax jingħata fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. F'każijiet li xi priġunier jirrifjuta li jmur iċ-Centru tal-Forensika waqt li jkun qed juri sintomi ta' rtirar għalih waħdu, l-priġunier jiffirma formola ta' rifjut fejn jistqarr li hu/hi qed jirrifjuta, bil-faċilità li jista' jirtira d-deċiżjoni personali tiegħu f'kull

ħin. Meta jkun hemm każi ta' priġunieri li jirrifjutaw, dawn xorta jingħataw trattamenti simptomatiċi li jinvolvu t-teħid ta' pilloli. Ta' min jinnota li waħda mill-akbar sfidi f'dan il-qasam hi l-problemi li ġġib magħha l-użu qawwi tal-kokaina, li l-esperti jqisuha bħala tip ta' droga li toffri sfidi kbar għas-servizzi riabilittativi.

Isir ukoll eżami tal-istat mentali tal-priġunier il-ġdid minn wieħed mit-tobba mpjegati tal-ħabs. Xi informazzjoni oħra fil-kuntest tas-saħħa mentali tittieħed mil-fajl il-qadim, jew mis-summarju elettroniku tal-każ. Jekk ikun il-każ, il-priġunieri jkunu riferuti lill-psikjatri għal servizz iktar speċjalizzat. Ġaladarba wieħed ikun riferut, fi żmien 48 siegħa, id-detenut il-ġdid issirlu viżita minn psikjatra u tkun iffisata viżita oħra biex issegwi l-każ. Jekk detenut jitlob li jara lill-psikjatra qabel l-appuntament , huwa/hija jista' jew tista' jitlob/titlob lill-infermier jew lil xi uffiċċjal ieħor u t-talba tiegħu jew tagħha dejjem tkun milqugħa.

Irid jingħad li l-assessjar tas-saħħa li jsir fuq il-priġunier hekk kif jirfes l-għatba tal-ħabs hi essenzjali biex isservi bħala riga tas-saħħa u l-kura soċjali li jkun hemm bżonn tingħata għal dawk li jieħdu d-droga. Il-Bord jinnota li l-psikologi ma jeżaminawx lill-priġunieri ġodda kollha, iżda huma t-tobba biss jagħmlu dan.

It-tim Psiko-soċjali fil-qasam tal-Kura, Ri-integrazzjoni u Edukazzjoni[1] jiġi nvolut meta jiddaħħal il-priġunier jekk l-istess priġunier jiġi riferuti lil dan il-qasam mill-eżami mediku tat-tobba. Dawk il-każijiet li huma kkunsidrati li jkollhom bżonn intervent immedjat, jiġu eżaminati mill-ewwel anke jekk ir-riżultat tat-test tal-PCR tal-Covid-19 ikun għadu ma ħariġx u dan normalment iseħħ fl-ewwel 24 siegħa. Każijiet urġenti jarahom psikoloġista. Minn Frar tal-2020, sistema ġdida bdiet tintuża li tinvolvi li jsir Core Needs Assessment u t-tħejjija ta' care plan[2] mill-kordinatur tal-care plan għal kull priġunier[3]. Dan iseħħ normalment fl-ewwel erba' ġimgħat minn meta l-priġunier ikun daħal il-ħabs. Il-care plans jiġu diskussi fil-crew meeting kull nhar ta' Ġimgħa. Diskussjoni fuq il-care plan u servizzi

[1] It-Tim Mediku u s-servizzi psikjatriċi mhumiex integrati fi ħdan din it-Taqsima. Konsultazzjonijiet mat-tobba mediċi u l-psikjatri jiġi nsejħa jekk jinqala l-bżonn skont il-każ.

[2] Dan se jiġi diskuss aktar fis-sub sezzjoni Riabilitazzjoni .

[3] Hemm volum ta' każijiet madanakollu l-proċess huwa mgħaġġel u l-ammont ta' każijiet naqqsu ħafna.

oħra pprovduti mit-Taqsima tal-Kura, Ri-integrazzjoni u Edukazzjoni issir fis-sezzjoni msejjħa Riabilitazzjoni.

Ġie nnutat li d-deċiżjonijiet relatati mal-allokazzjoni tad-detenut huma meħuda mid-Direttur u c-Central Hall. Ukoll deċiżjonijiet meħuda fid-dawl ta' segregazzjoni u allokazzjoni tal-priġunieri fid-Diviżjonijiet huma bbażati primarjament fuq segregazzjoni ta' klikek u xbieki kriminali kif ukoll fuq każijiet ta' sigurtà. Meta għandek ħabs wieħed li fih jinżammu arrestati, priġunieri b'sentenzi qosra, oħrajn li qed jiskontaw sentenzi twal u oħrajn sentenzjati għal għomorhom fl-istess istituzzjoni hija problema kbira ħafna ta' kif se talloka lill-priġunieri, iżjed u iżjed meta l-popolazzjoni tal-ħabs qegħda tesperjenza żieda kontinwa.

Barra minn hekk, it-tim mediku mhux involut bl-ebda mod fl-allokazzjoni/klassifikazzjoni tal-priġunieri tul iż-żmien li huma jagħmlu fil-ħabs. Aktar u aktar, it-tim mediku mhuwiex involut fl-ebda mid-deċiżjonijiet fejn jidħlu deċiżjonijiet relatati ma' sanzjonijiet fuq imġieba ħażina u m'hemm l-ebda xenarju li jippremja mġieba tajba ġewwa l-ħabs. Huwa biss għal raġunijiet mediċi, meta persuna jkollha bżonn tiġi iżolata minn priġunieri oħra li jiġi nvolut t-tim mediku, kif ukoll meta jkun hemm bżonn ta' psikjatra. F'każ ta' ħsara lilha nnifisha, l-persuna tiġi riallokata fit-taqsima tal-Forensika. Sakemm il-priġunier jiġi trasferit għat-Taqsima tal-Forensika, jiġu pprovduti ħwejjeġ li ma jitqattgħux. Barra minn hekk, sakemm priġunier jistenna biex jiġi ttrasferit għat-Taqsima tal-Forensika, huwa jew hija jinżamm jew tinżamm f'kamra speċjali ġewwa t-taqsima tal-MI Room. Każ wieħed biss ta' l-użu ta' restraint fiżiku jingħad li seħħ sa mill-2019.

**Is-Sezzjoni hawn taħt tipprovdi lista ta' rakkomandazzjonijiet li jaqgħu taħt it-terminu ta' referenza A.**

Rakkomandazzjoni nru 1: Tikkunsidra li fis-sitwazzjoni tal-pandemija li wieħed ikun isolat f'kamra singola sakemm joħroġ ir-riżultat tal PCR tal-Covid-19 probabbilment m'għadx hemm bżonnha. Il-proċess għandu jiġi rivedut b'konsultazzjoni mal-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika.

Rakkomandazzjoni nru 2: Saret referenza għal tliet ikmamar singoli u d-dormitorju użat għal priġunieri ġodda. L-ambjent jinħtieġ jiġi mtejjeb b'tali mod li ma jħallix impatt negattiv fuq il-priġunieri, aktar u aktar fuq dawk ikkunsidrati vulnerabbli.[4]

Rakkomandazzjoni nru 3: Filwaqt li qed jiġi rikonoxxut li l-ispazji huma limitati u l-popolazzjoni qegħda dejjem tikber, m'għandhomx jippermettu li priġunieri ġodda u dawk li qed iservu sanzjoni jkunu miżmuma fl-istess post.

Rakkomandazzjoni nru. 4: Proċess ta' induzzjoni kif suppost u t-twaqqif ta' taqsima proprja fejn jiġu milqugħa l-priġunieri ġodda. Din tgħin billi ssir assessjar aħjar u iżjed ikkurat tal-priġunieri li jmur lill' hinn mill-assessjar mediku, imma assessjar li kif inhu xieraq li jwassal għal klassifikazzjoni u allokazzjoni aħjar tal-priġunieri. Jekk it-taqsima tal-induction iddum biex titwaqqaf, il-priġunieri kollha għandhom jgħaddu minn proċess ta' induzzjoni irrispettivament jekk humiex allokati f'taqsima ta' induzzjoni.

Rakkomandazzjoni nru. 6: Klassifikazzjoni aħjar tal-priġunieri u sistema t'allokazzjoni adegwata tal-priġunieri fid-Diviżjonijiet hija meħtieġa. Il-kriterji għall-klassifikazzjoni u l-allokazzjoni għandhom ikunu miktuba b'mod ċar u għandhom ikunu tali li jaqblu mar-Regoli tal-Ħabsijiet Ewropej.Rakkomandazzjoni nru. 7: Żamma ċara tad-data li ssegwi l-movimenti kollha tal-priġunieri f'kull post u kull ħin tal-ġurnata u tal-lejl.Rakkomandazzjoni nru. 8: L-allokazzjoni tal-priġunieri f'diviżjoni b'mod aktar ristrett u sigur msejsa fuq l-assessjar tar-riskji fatwali. Filwaqt li l-priġunieri għandhom jiġu

[4] Kunsiderazzjonijiet ta' saħħa mentali; konsiderazzjonijiet ta' ditossifikazzjoni; iż-żagħżagħ; il-gruppi ta' minoranza; il-barranin; persuna sentenzjati għal għomor u sentenzi twal.

nfurmati l-ħin kollu huma għandhom ikollhom id-dritt li jappellaw lil Kummissjoni Indipendenti li tassigura li d-drittijiet tal-priġunieri jiġu mħarsa.

---

**B. L-iskrutinju tal-proċeduri segwiti mill-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi fir-rigward tal-assessjar tas-saħħa mentali u fiżika tal-priġunieri tul il-perjodu li fih ikunu qed jiskontaw sentenza, kif ukoll analiżi tar-regoli segwiti mill-Aġenzija;**

Il-Ħabs huwa mmexxi mid-Direttur, Kap tal-Amministrazzjoni u Operazzjonijiet, il-Kap tas-Sigurtà, il-Kap tat-Taqsima tal-Kura, Ri-integrazzjoni u l-Edukazzjoni, u l-Kap tat-Taqsima tal-Implimentazzjoni. Din l-istruttura hija konformi mar-rakkomandazzjonijiet kif imfissra fis-CCF Reform Report (2018) bil-għan li jaffettwa ristrutturar tal-funzjonijiet amministrattivi.

L-iskali tal-uffiċċjali korrettivi kienu nnutati: Uffiċċjali Kadetti, Surġenti, Surġenti Maġġuri u Spetturi. Ukoll, jekk tinqala' sitwazzjoni ta' tensjoni, il-persuna inkargata mid-Diviżjoni taqfel lill-priġunier f'kamra singola (li tista' tintuża għal tnejn min-nies f'każ ta' bżonn) sakemm is-sitwazzjoni tiġi taħt kontroll. Rapport jiġi miftuħ u loggjat; dan jinkludi informazzjoni mgħoddija minn xhieda tal-inċident. L-amministrazzjoni tħares lejn dan is-"sokor" tal-priġunieri bħala miżura prekawżjonarja u hija eżerċitata skont il-bżonn tal-ġurnata.

Fid-dawl ta' teħid ta' miżuri dixxiplinari għal kull Diviżjoni hemm 3 Spetturi responsabbli mid-dixxiplina u deċiżjonijiet relatati ma' dixxiplina. Kien innutat li dawn l-Ispetturi mhumiex responsabbli mill-affarijiet l-oħra li jiġru fid-Diviżjoni tagħhom; dan isir bl-iskop li jkun hemm iktar oġġettività. Madanakollu, poteri mogħtija lill-Ispetturi jistgħu jagħtu lok għal xenarji li jwasslu għal potenzjalment użu ħażin tal-poteri u sussegwentement għall-abbużi tal-kastigi. Fid-dawl tad-deċiżjonijiet relatati ma' kemm priġunier idum jinżamm maqful, id-deċiżjonijiet jaqgħu fil-poteri tal-Uffiċċjali Korrettivi f'konsultazzjoni mad-

Direttur jew il-Kap tal-Amministrazzjoni u Operazzjoni. Ta' min jissottolinea li dawn il-prattiċi/proċeduri dixxiplinari ma joħorġux mir-Regolamenti tal-Ħabs.

Dan jagħti lok għal sitwazzjonijiet spjaċevoli mhux mixtieqa: 1) fejn per eżempju il-Bord tad-Dixxiplina jagħti kastig ta' 5 ijiem maqful imma l-l-priġunier ikun diġa' għamel 10 ijiem ta' kastig qabel ma jkun iltaqa' l-Bord u 2) kastig doppju (double jeopardy) – jinfetaħ każ bil-pulizija jekk ikun jinħtieġ, madanakollu l-priġunier ikun diġa' serva numru ta' ġranet maqful. Huwa biss id-Direttur li jista' fid-diskrezzjoni tiegħu, jinflinġi kastig bħal segregazzjoni f'ċella bħala riżultat ta' ksur tar-regoli dixxiplinari u din tista' tiġi esegwita wara li jkun iltaqa' l-Bord tad-Dixxiplina.

Min-naħa l-oħra, jeżisti overlap legali bejn x'jaqa' taħt il-kompetenza tat-Tribunal tal-Appell (Kapitlu 260: Att dwar il-Ħabs) u l-Bord tar-Remissjoni (Kapitlu 516: Restorative Justice Act) dwar dak li għandu x'jaqsam ir-remissjoni. Il-Liġi tistipula li t-Tribunal tal-Appell u l-Bord tar-Remissjonijiet huma t-tnejn involuti fil-qtugħ tal-każijiet fejn jinvolvi każijiet fejn ma tingħatax jew tintilef ir-remissjoni. Fid-dawl ta' ġranet ta' rimissjoni mitlufa, l-priġunieri għandhom id-dritt li jappellaw kontra l-impożizzjoni tal-kastig (azzjoni dixxiplinari ta' segregazzjoni solitari għal aktar minn 6 ijiem u telf ta' aktar minn 28 ġurnata ta' rimissjoni) fi żmien 5 ijiem mill-impożizzjoni. Skont il-qafas legali, id-Direttur tal-Ħabs irid jinforma bil-miktub lit-Tribunal tal-Appell dwar każijiet li jiġu appellati mill-priġunieri. Ir-remissjoni tiġi kkalkulata awtomatikament mad-dħul fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sakemm l-Imħallef/Maġistrat li qed jagħti s-sentenza ma jistipulax li l-priġunier m'għandux jibbenefika mir-remissjoni. Aktar minn hekk, il-Bord tar-Remissjonijiet jintervjeni biss meta ġranet tar-remissjoni jkunu ntilfu. Il-Bord tar-Remissjonijiet jirrakkomanda jekk kastig għandux jibqa' jew le, jew għandux jitnaqqas.

Kif stipulat fil-Att dwar il-Ħabs, id-Direttur tal-Ħabs fl-aħħar mill-aħħar jiddeċiedi kemm ġranet mir-rimissjoni jintilfu. Fid-dawl ta' dan, iż-żamma tar-rekords fir-reġistru tiġi aġġornata dwar l-eqreb ġurnata tal-ħelsien. Din l-Inkjesta issib li CPT (2016) kienet irrakkomandat li jiġu emendati ir-Regolamenti tal-Ħabs 7 biex "it-telf ta' rimissjoni taqa' taħt il-kompetenza ta' imħallef indipendenti" (CPT, 2016, p. 40, para. 84) kif inhuma issa

ir-regolamenti għadhom jippermettu li d-Direttur tal-Ħabs għandu l-poter li jimponi telf sa 120 ġurnata ta' remissjoni.

Dan il-Bord ta' Inkjesta jinnota li d-Direttur tal-Ħabs attwali ddelega xogħol u poteri lil-uffiċċjali. Hemm sitwazzjonijiet fejn hu jitlob li jkun infurmat. Dan jinkludi: i) meta priġunier iweġġa', ii) f'każ ta' ħtieġa ta' ambulanza, iii) jekk tfaqqa' xi ġlieda vjolenti, iv) f'każ ta' attentat ta' suwiċidju, v) f'każ li tinstab id-droga, vi) f'każ li priġunier jinstab pożittiv għad-droga, vii) fid-dħul ta' priġunieri ġodda.

Kien innutat li ma kienu jeżiżtu l-ebda SOPs qabel ma daħlet it-tmexxija l-ġdida. Fid-dawl ta' dan, qed jitfasslu l-SOPs neċessarji li ħa jkunu lesti fil-futur qarib. Ma' dan tinħass il-ħtieġa ta' Half-Way House li topera bħala ħabs miftuħ. Dan il-Bord ta' Inkjesta iqis din bħala inizjattiva tajba u li tgħin fl-integrazzjoni tal-priġunieri fis-soċjeta'.

**Fid-dawl ta' dan kollu, qed jiġi rrakkomandat li jkun hemm l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet li jaqgħu taħt it-terminu ta' referenza B kif elenkati hawn taħt:**

Rakkomandazzjoni nru. 1: il-bżonn ta' twaqqif ta' entità indipendenti li tiltaqa' fil-Ħabs b'mod regolari biex tara li d-drittijiet tal-priġunieri qed ikunu mħarsa.

Rakkomandazzjoni nru. 2: Dan il-Bord ta' Inkjesta jgħaraf li hemm istanti fejn priġunier jiġi maqful mill-ewwel huwa neċessarju. Madanakollu dan għandu jsir f'konformita' mal-Kapitlu 260.3 68.(1) *"Id-Direttur jista' jordna li priġunier vjolenti jinżamm f'reklużjoni temporanja f'ċella addattat, iżdapriġunier ma għandux hekk jinżamm bħala piena,, jew wara li ma jkunx baqa' vjolenti, (2) Jekk id-Direttur iżomm dik l-ordni fis-seħħ għal iżjed minn tmienja u erbgħin siegħa huwa għandu jikkosulta lit-Tabib tal-Ħabs u għandu jgħarraf liċ-Chairman tal Bord.*[5] *''* .... Rakkomandazzjoni nru. 3: It -twaqqif ta' Bord ta' Dixxiplina hemm bżonn li jiġi rivedut flimkien mal-azzjoni dixxiplinari. L-ebda azzjoni dixxiplinari m'għandha tiġi meħuda qabel ma'jiltaqa' l-Bord u jasal għal deċiżjoni. Sal-lum il-Bord ta' Dixxiplina jiltaqa' biss darba fix-xahar. Din il-prattika għandha tiġi

[5] Bord ta' Moniteraġġ

riveduta: 1) il-Bord tad-Dixxiplina għandu jiltaqa' aktar ta' spiss tal-anqas darbtejn fil-ġimgħa, 2) rappreżentant tal-Bord tal-Moniteragg għandu jkun preżenti biex ikun jista' jiġi kkonsultat 3) membru mill-istaff psikjatriku-soċjali irid ikun preżenti (psikologu /psikologu trainee/assistent psikologu) li jista' jiġi kkonsultat 4) il-kompożizzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina – imħallef/maġistrat irtirat/membru professjonali psikjatriku-soċjali irtirat (minn barra s-sistema) għandu jmexxi dan il-Bord biex jikkoordina l-proċess dixxiplinari.

Rakkomandazzjoni nru 4: Sal-lum il-priġunieri m'għandhomx dritt jappellaw deċiżjonijiet meħuda mill-Bord tad-Dixxiplina. Din trid tinbidel.

Rakkomandazzjoni nru 5: Hemm bżonn jiġi rivedut il-mod ta' kif jingħataw il-privileġġi. Ix-xogħol mhux privileġġ. Hemm bżonn ta' protokolli u kriterji li tagħmel mil-priġunier eliġibbli għax xogħol ċari bejn l-erbgħa ħitan tal-Ħabs.

Rakkomandazzjoni nru 6: Hemm bżonn li jiġu emendati r-Regolamenti tal-Ħabs u l-qafas legali relatat mar-remissjoni. Dawn għandhom jitfasslu b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet li kienu saru mill-CPT (2016).

Rakkomandazzjoni nru. 7: L-użu tal-kmamar singoli u s-segregazzjoni tal-priġunieri iridu jkunu konformi mar-Regoli tal-Ħabs.

**C. L-iskrutinju fuq il-proċeduri segwiti mill-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi fir-rigward ta' priġunieri li jkunu rilaxxati mill-isptar Monte Karmeli u li jkunu qed jirritornaw lura fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, flimkien mas-sistemi li hemm fis-seħħ dwar assessjar kontinwu mill-Aġenzija fuq il-priġunieri**

Il-Bord ġie rikjest jevalwa dan it-terminu ta' referenza u għall-aqwa ottenitment ta' dan huwa mhux biss sema' x-xhieda amministrata bil-ġurament ta' diversi xhieda, inkluż tat-tobba u diriġenti ta' dan l-Isptar iżda wkoll nhar il-5 ta' Novembru 2021 il-Bord aċċedda ġewwa l-istess faċilitajiet.

Illi mir-riżultanzi lil dan il-Bord jidher il-proċess taħt evalwazzjoni sabiex resident ta' Monte Carmeli fl'hekk imsejjħa Forensic Section li tinkludi kemm nies sentenzjati kif ukoll dawk taħt arrest preventiv jiġi trasferit minn hemm għall-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Il-proċedura sabiex isir din hija ċara u ssegwi protokolli stipulati. Dan jiġri billi l-priġunier jiġi riferut lit-Taqsima tal-Forensika minn tabib mediku; il-formula tat-talba ta' riferiment tiġi iffirmata mill-istess tabib. Meta l-Att tas-Saħħa Mentali tkun meħtieġa għal dħul involontarju, jiġifieri meta priġunier jirrifjuta li jkun trasferit għat-Taqsima tal-Forensika, id-Direttur fil-kapaċità tiegħu ta' protettur legali jkun jeħtieġ li jiffirma l-Mental Health Act From. Fid-dawl ta' meta l-priġunieri jkunu qegħdin jirritornaw il-Ħabs, il-psikjatra jirrakkomanda t-trasferiment u jinforma lid-Direttur tal-Ħabs.

Din l-Inkjesta qiegħda tinnota li membru mit-Taqsima tal-Kura, Re-integrazjoni u l-Edukazzjoni iżur it-Taqsima tal-Forensika kull nhar ta' Tnejn u dan isir propju biex jiġu aġġornata r-records u l-progress irrekordjat tal-priġunieri skont il-care plan. Laqgħat ta' complex cases isiru ukoll kull xahar kif diskuss f'dan id-dokument aktar il-fuq.

**Dawn li ġejjin huma lista ta' rakkomandazzjonijiet li jmorru mat-termini ta' riferenza C.**

Rakkomandazzjoni nru. 1: It-tfassil u r-revizjoni mill-ġdid tal-care plans għandhom jiżguraw li "medical care plan" miġbura mit-Taqsima tal-Forensika għandha tiġi integrata kompletament bħala care plan mal-proċess li jibda mad-dħul tal-priġunier fil-ħabs. Illi għalhekk approach multi-dixxiplinarju fit-tfassil, tħejjija, ir-reviżjoni u l-implimentazzjoni tal-care plan hija meħtieġa.

**D) L-skrutinju fuq il-proċeduri, politika u regolamenti li ssegwi l-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi fir-rigward tar-riabilitazzjoni tal-priġunieri, inkluż u mhux limitatat, b'analiżi fuq l-livell ta' sapport offrut lil priġunier b'rabta ma xi forma jew oħra ta' vizzju li jistgħu jkunu jbgħatu minnhom l-istess priġunieri;**

Id-diskussjoni fir-rigward tar-riabilitazzjoni proprja tal-priġunieri qed tiġi ppreżentat f'numru ta' sub-diviżjonijiet.

D.1.) It-tfassil tal-Care Plan u s-Servizzi Psiko-Soċjali

Basic Care Management Form tkun mimlija għal kull priġunier (li għadu qed jistenna s-sentenza jew issentenzjat). Din il-formula titfa dawl fuq l-imġieba, r-rapporti tossikoloġiċi tal-urina, tagħrif minn ħafna professjonisti (mediċi, psikjatriċi, u psikoloġiċi), tagħrif mill-uffiċċjali korrettivi, tagħrif minn professjonisti barra l-ħabs kif ukoll informazzjoni fuq parteċipazzjoni f'attivitajjiet mtella ġewwa l-ħabs. Fi kliem ieħor affarijiet ta' tħassib li jkunu tqajmu fil-Core Needs Assessment ikunu mniżżla f'din il-formula.

Hekk kif il-Core Needs Assessment tkun kompluta[6], l-informazzjoni li toħroġ minn dan l-eżerċizzju ikun diskuss fi crew meeting. Ħafna mill-informazzjoni miġbura waqt il-Core Needs Assessment[7] tiddependi mill-informazzjoni li jagħti l-priġunier stess. Numru ta' professjonisti li jaħdmu fit-Taqsima tal-Kura, Ri-integrazzjoni u Edukazzjoni jieħdu sehem f'din il-laqgħa tal-crew meeting, madanakollu il-priġunier ma jiġix mgħajjat. F'laqgħa tipika tal-crew meeting madwar 16-il każ jiġi diskuss. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li dan il-proċess jieħu ħafna żmien; per eżempju, każ ta' Core Need Assessment li mbeda f'Marzu, il-Case Conference issir f'Settembru. Għal dawk il-priġunieri sentenzjati ilhom issa iżjed minn sentejn igawdu minn Care Plan imtejjeb.

Il-care plan jista' jiġi rivedut matul iż-żmien li priġunier jagħmel il-ħabs u jekk tinħass il-ħtieġa isir titjib fil-Core Needs Assesment, timtela u tinżamm formula tar-Reviżjoni tal-Każ; din tiġi diskussa skont il-bżonn waqt il-crew meeting. F'każijiet fejn ikun meħtieġ l-attenzjoni psikjatrika, waqt il-kompilazzjoni tal-care plan, il-care plan coordinator jikkonsulta mal-psikjatra. Jekk le, kemm il-psikjatra, kif ukoll il-professjonisti oħra psiko-soċjali ma jkunux involuti fit-tfassil tal-care plan. Approach multi-dixxiplinarju hija t-triq l'quddiem biex tittejjeb l-effettività tal-care plan. Wieħed jinnota li l-care plan coodinators

[6] Dan isir għat-tfassil tal-care plan. Dan japplika ukoll għall-priġunieri ġodda sentenzjati jew le.

[7] Din l-għodda ġiet adatta mill-verżjoni Skoċċiża. Kienet addatta biex taqdi l-ħtieġijiet lokali u biex jinkludi komponenti li jwasslu biex jiġu identifikati l-ħsara lilhom infushom.

m'għandhomx aċċess għall-informazzjoni kollha li tinsab fil-fajls mediċi fl-MI Room. Madwar 2500 care plan ġie nfassal sa Settembru 2021.

Ta' min isemmi li għadu ma nstab l-ebda professjonista li għandu jkollu r-responsabbiltà' li jara li l-care plan jiġi mwettaq, hekk kif dan il-Bord iqis li fadal xogħol xi jsir f'dan il-qasam. Qiegħed ukoll jiġi rikonoxxut li hemm ħafna sfidi, li jinkludu l-fatt li ma jitlaħqux il-miri li jkunu tfasslu fil-care plan, il-motivazzjoni tal-priġunieri stess, ir-regoli tal ħabs (mira ta' 6 xhur fid-dawl ta' prison leave kif stipulat fir-Regolamenti tal-Ħabs), kundizzjonijiet/kriterja ta' eleġibilita' imposti minn dawk kollha konċernati bħal Caritas, Sedqa, Oasi u RISE.

It-tim ta' psikoloġisti[8] jara kljenti li jkunu riferuti biss jew mit-tobba mediċi jew/u mill-care plan coordinators. Hemm klijenti li jirrifjutaw dawn is-servizzi minkejja li jkunu riferuti. Il-priġunieri jistgħu ukoll jirreferu lilhom infushom u dan jiġi spjegat lilhom mill-care plan coordinator rispettivi tagħhom. Dan it-tim jipprovdi servizz lil tliet priġunieri kuljum; u hemm lista ta' stennija ta' madwar 50-70 priġunier li qed jistennew is-servizzi psikoloġiċi. F'ħafna każi, problemi relatati ma' anzjetà, dipressjoni u trawma huma l-aktar komuni.

Is-servizzi huma pprovduti one to one u fi gruppi[9] waqt sessjonijiet ta' programmi mtella' mid-Diviżjoni 7. Każijiet kumplessi jiġu wkoll diskussi kull xahar  fejn professjonisti mit-Taqsima tal-Kura, Ri-integrazzjoni u Edukazzjoni, u servizzi psikjatriċi ikunu preżenti għal hekk imsejjħa complex cases. Bil-ħsieb ta' terrapija, Cognitive Behavioural Therapy (CBT), Acceptance and Commitment Therapy (ACT) u Eye Movement Desensitisation and Reprocessing (EDMR) jiġu użati. F'każijiet fejn priġunieri juru sinjali ta' ħsara lilhom infushom u ħsibijiet suwiċidjali, is-sessjonijiet ikunu one to one u ma jkunx hemm limitu fuq kemm ikun hemm bżonn sessjonijiet. Qed jiġi addottat l-approach skont il-bżonn każ b'każ. Madanakollu, ir-riżorsi (testijiet u għodda) li huma aċċessibli għal psikoloġisti huma limitati.

---

[8] 3 Psikoloġisti; psikoloġisti trainees u assisstenti psikologisti.
[9] Ri-integrazzjoni; użu ta' droga u ħiliet ta' ħsieb

D.2.) Programmi Riabilitattivi

- Il-programm imħaddem f'Diviżjoni 7: Dan il-proġett huwa fil-preżent koordinat mit-Taqsima tal-Kura, Ri-integrazzjoni u Edukazzjoni għax meta ġie mniedi fl-2019 kien taħt ir-responsabbilita' tat-Taqsima tal-Operazzjonijiet. Dan il-programm għandu żewġ għanijiet prinċipali: 1) li jagħmel it-transazzjoni għar-rijabilitazzjoni terrapewtika mħaddma fil-komunita' b'mod aktar faċli 2) it-transazzjoni lejn is-soċjeta'. Il-programm jinqasam f'żewġ fażijiet: L-Ewwel Fażi – programm ta' sitt ġimgħat u t-Tieni Fażi – programm ta' manteniment u tisħieħ. Il-priġunieri jiġu mgħotija l-ħiliet konjittivi (cognitive skills) u programmi ta' ħiliet għal-ħajja (life skills programmes). Dan minbarra sessjonijiet li jinkludu attivitajjiet sportivi, ħarġiet ta'divertiment kif wkoll xogħol barra l-ħitan tal-ħabs. Jekk ikun il-bżonn, jintużaw iċ-cappetti elettroniċi (electronic tagging) għall-attivitajjiet u xogħol barra l-ħabs. Erba' priġunieri pparteċipaw ukoll fi Grupp 1 bejn is-26 ta' April u s-6 ta' Ġunju 2021, u sitt oħra pparteċipaw bejn il-21 ta' Gunju 2021 u l-1 ta' Awwissu 2021 u fil-preżent hemm 9 priġunieri fit-tielet grupp li jibqa' sejjer sat-12 ta' Diċembru 2021. Dawk il-priġunieri li jkollhom bżonn xi interventi żejda wara li jispiċċaw il-programm jiffurmaw parti minn skeda ta' programm ta' manteniment itwal u huma pprovduti sessjonijiet ta' terrapija individwali.

Il-mod kif inhu mfassal Diviżjoni 7 huwa simili għat-taqsimiet ta' bla droga li jinstabu f'ħafna ħabsijiet Ewropej. Madanakollu hemm żewġ fatturi li għandhom jiġu riveduti 1) li wieħed jitlob il-*prison leave* għal-programm li jsir ġewwa l-ħabs 2) li l-priġuniera li jaħdmu fil-komunità barra l-ħabs bħala parti mill-programm ta' Diviżjoni 7 fejn jekk japplikaw biss għal-xogħol fil-komunità biss, huma ma jkunux eleġibbli biex jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibilità. Dawn jistgħu jiġu mibdula biex jinbidlu fi kriterja ta' eleġibilità u protokolli rilevanti.

- Cognitive Skills Programme (CSP): huwa programm li jirrikjedi ħiliet tal-ħsieb li waqt li hu mwaħħad mal-Cognitive Behavioural Therapy(CBT) immirat li jindirizza

l-bżonnijiet tal-priġunieri f'dak li jittratta ħiliet tal-ħsieb, teħid tad-deċiżjonijiet u tisjib ta' soluzzjonijiet għall-problemi. Għaldaqstant, dan il-programm huwa mmirat biex inaqqas offiżi futuri u reċediviżmu. L-għan hu li jolqot popolazzjoni ta' priġunieri f'riskju medju u għoli li jerġgħu jidħlu l-ħabs li jiġu identifikati permezz ta' Level of Service Inventory Revised (LSI-R: Andrew & Bonta, 1995). Il-programm għandu tlett komponenti: kontroll sħiħ, tiftix għas-soluzzjonijiet tal problemi u żvilupp ta' relazzjonijiet pożittivi (Avellino & Henwood, 2018, p.10). Il-programm huwa mfassal minn Avellino & Henwood b'kollaborazzjoni mal-Fondazzjoni Rise.

- Sex Offender Treatment Programme: id-dokument ippreżentat jirreferi għall-programm ta' trattament ibbażat fil-komunità għall-priġunieri li jkunu riferuti lit-Taqsima Tal-Psikoloġija fi ħdan id-Dipatiment Tal-Probation u l-Parole. Dan huwa programm li ġie addattat sabiex jingħata lill-individwu fuq bażi one to one. Preżentement total ta' 21 priġunier ibbenefikaw minnu. Madanakollu, mhux ċar kif wieħed isir eleġibbli għalih u ma hemmx il-protokolli relevanti ta' kif għandu jitħaddem.

- Programm tat-Trażżin tar-Rabja (Anger Management Programme): numru kbir ta' priġunieri juru sinjali li għandhom diffikultà kif jikkontrollaw u jrażżnu r-rabja tagħhom. Dan il-programm huwa ddisinjat bħala programm ta' intervent konjizjonali fl-imġieba (cognitive behavioural intervention programme) u mhuwiex immirat li jtaffi b'mod partikolari xi mġieba li toffendi. Il-manwal ppreżentat biex jiġi rivedut huwa dak ta' Bucharest (2013). 60 priġunier għamlu użu minn dan il-programm; madanakollu ma hemmx il-kriterja ta' eleġibilità u l-protokolli rilevanti.

- Programm għal-Ħiliet tal-Ħajja (Life Skills Programme): dan il-*workshop* jippermetti li wieħed jaħdem fuq ħiliet speċifiċi bħal ngħidu aħna, li taħdem fi gruppi, kif tħaddem flusek, kif iżżomm id-dehra tiegħek, kif tieħu ħsieb l-istima tiegħek, kif tagħraf l-emozzjonijiet tiegħek, ħiliet kif tikkomunika, r-reżiljenza, l-użu tajjeb tal-ħin liberu, kif tlaħħaq mal-istress, kif tuża tajjeb il-ħin, r-relazzjonijiet,

ix-xogħol u r-ri-integrazzjoni fil-komunità. Total ta’ 19 -il priġunier attendew għal dan il-workshop; madanakollu ma hemmx il-kriterji tal-eliġibilità u l-protokolli rilevanti.

- L-Edukazzjoni Sportiva hija pprovduta jew fuq bażi ta’ kuljum jew bħala parti mir-rutina tad-diviżjoni. L-ebda priġunier tad-Diviżjoni 6 u 13 ma qatt ħa sehem fi programm ta’ xi sports. Fid-dawl tal-edukazzjoni sportiva ta’ kuljum il-priġunieri nisa (sports u gym), 60 priġunier raġel, (gym) u 40 priġunieri żagħżagħ tal-CORRS (sports u gym) ħadu sehem fl-edukazzjoni sportiva. Total ta’ 233 priġunier għamlu użu mill-grawnd tal-isport.

- Il-maġġoranza ta’ korsijiet edukattivi li bdew f’Awwissu tal-2021 huma parti mill-proġett ESF, ESF.02.064 li jkopri firxa wiesa’ ta’ attivitajjiet edukattivi; minn litteriżmu għall-numeriżmu, għat-tisjir u l-arti performattiva biex insemmu xi wħud. Total ta’161 priġunier ipparteċipaw f’dawn il-korsijiet edukattivi però il-kriterji tal-eliġibilità mhumiex ċari. Programmi edukattivi oħra wkoll bdew f’Ottubru u Novembru 2021 li huma ġew mgħotija mid-Direttorat tat-Tagħlim Tul il-Ħajja (Life Long Directorate) u Jobs Plus rispettivament. Dawn jinkludu priġunieri Spanjoli (10 priġunieri), Maltin (10 priġunieri), Litteriżmu Diġitali u kors fil-lingwa Ingliża għal-emigranti (14-il-priġunier).

- L-Imtaħleb - tilqa’ priġunieri ta’ eta bejn 14 u l-21 sena. Din it-Taqsima għandha s-servizzi ta’ tabib mediku u psikoloġsta fuq bażi ta’ roster. Programmi bħal ħiliet tal-ħsieb konjittivi kienu qegħdin isiru qabel l-influss tal-immigranti. Sessjonijiet fi gruppi m’għadhomx isiru fi ħdan dan il-qafas ta’ detenzjoni korrettiva u x-xogħol tal-psikologisti qed issir fuq bażi ta’ one to one. L-aħħar sessjoni fi gruppi li saret l-Imtaħleb tmur lura għal Marzu 2020. Illum il-popolazzjoni tal-priġunieri fl’Imtaħleb tikkonsisti primarjament ta’ immigranti ikklassifikati bħala persuni mit-tielet dinja.

- Prison Industry: dan il-kuċnett ta' xogħol fil-Ħabs ilu jeżiżti għal snin sħaħ, madankollu minn Lulju 2020 dan ingħata xejra oħra. Qabel din il-bidla, il-priġunieri kienu jagħmlu xogħol ġewwa l-ħabs u kien hemm ukoll xi attivitajiet relatati mall-programm imwettaq f'Diviżjoni 7. Illum il-programm aktar iħares lejn xogħol barra l-ħitan tal-ħabs biex jippromwovi impjieg u xogħol fil-komunità, fejn is-soċjetà tista' tapprezza x-xogħol mwettaq mill-priġunieri u fl-istess ħin il-priġunieri jħossuhom f'pożizzjoni li jkunu qed jikkontribwixxu lura lis-soċjetà li jkunu naqsu. Fid-dawl ta' xogħol fil-komunità, numru ta' nies mill-komunità li jipprovdu x-xogħol huma benefatturi regolari. Madanakollu, il-Ħabs jassigura li x-xogħol assenjat huwa adegwat.

Ħafna mix-xogħol li kien isir qabel kien xogħol li kien jappartjeni lill-kategorija l-blue (blue collar workers) u din kienet ta' diffikultà' minħabba li ħafna mill-priġunieri kienu bla sengħa. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll li hu ta' periklu għal ċertu priġunieri li tafdhom bl-għodda f'idejhom. Però', permezz tal-kuntatti mal-Malta Enterprise dawn id-diffikultajiet kienu indirizzati. Każ preċiż huwa l-programm ta' Intelligenza Artifiċjali li hu mwettaq bħala proġett pilota. Hemm il-ħsieb li jiġi żviluppat iżjed u preżentement qed jiġi segwit min 13 il-priġunier li jaħdmu f'ambjent ta' uffiċċju. Dan huwa mmexxi minn kumpanija privata u fil-preżent il-priġunieri qegħdin jiġu ittrejnjati fil-ħiliet tal-IT. Fi kliem ieħor il-Malta Enterprise serviet lir-rwol bħala medjatur biex kisbet is-sehem ta'din il-kumpanija.

Hemm numru ta' proġetti oħra għaddejjin li huma inkoraġġanti ħafna, iktar u iktar meta wieħed iqis l-ordnijiet (eż. Ordnijiet ta' skrivaniji, maskli għal Covid-19, basktijiet tax-xiri ta' aktar minn użu wieħed) kollha ġejjin minn entitajiet oħra. Aktar minn kumpaniji privati oħra, hemm ukoll numru ta' NGOs, entitajjiet tal-Gvern, kif ukoll Kunsilli Lokali li qed jagħmlu użu mis-servizzi pprovduti mill-Prison Industry. Is-selezzjoni ta' kandidati potenzjali biex jidħlu f'xi wieħed minn dawn il-programmi msemmija hawn fuq taqa' taħt ir-responsabbiltà tat-Taqsima tal-Kura, ri-Integrazzjoni u Edukazzjoni fejn jitfasslu l-care plans. Filwaqt li uħud mill-priġunieri li jaħdmu f'dawn il-proġetti huma ġejjin d-Diviżjoni

7, priġunieri oħrajn huma ukoll involuti f'dawn il-proġetti. Ta' importanza huwa wkoll xogħolijiet oħra magħmula relatati ma xogħol li jsir ġewwa l-ħabs, (l-forn, kċina, ħjata, xogħol fl-elettriku, xogħol fil-mgħoddija tal-ilma eċċ) kollha jaqgħu taħt ir-responsabbiltà' tal-Management (Operations). Però, minbarra dak li għidna kollu it-Taqsima tal-Prison Industry taħdem id f'id mal-Management (Operations) biex ikunu jistgħu jiġu mfassla pjanijiet għad-domanda ta' xogħlijiet li jinħtieġ li jkunu mwettqa fil-ħabs stess.

Għal-dawk il-priġunieri li jagħżlu li jaħdmu fuq long-term placement, intervisti finta (mock interviews) bħala attivitajiet biex iħejjuhom kienu organizzati fejn is-CEOs rispettivi tagħhom bħala dawk li ħa jipprovdulhom xogħol ħadu sehem f'dawn l-intervisti ta' għażla.

Total ta' 60 priġunier jieħdu sehem f'xogħol barra l-ħabs u 110 priġunieri[10] oħra jagħmlu xogħol fil-ħabs stess. Il-priġunieri kollha kienu rġiel, u kemm Maltin u barranin. F'dak li għandu x'jaqsam xogħol barra l-ħabs, il-possibilità' ta' estradizzjoni, kif ukoll diffikultajiet oħra legali imposti bil-Liġi kienu meħuda in konsiderazzjoni. Wieħed jinnota u jfaħħar l-isforz kollu mitfuħ f'din l-aħħar sena u nofs immirati biex aktar priġunieri jiġu mdaħħla f'attivitajiet ta' xogħol. Madanakollu għad baqa' ħafna problemi x'jingħelbu. Dawn jinkludu li l-priġunieri stess ma jurux ħajra għax-xogħol, miżuri ta' saħħa u sigurtà, organizzazzjonijiet li mhux lesti li jikkollaboraw meta jkunu nvoluti priġunieri.

- Mid-Dlam għad-Dawl (MDD) – "Ngħinu l-Familji tal-priġunieri''[11]: Qed issir referenza għall-MOU iffirmat bejn il-Ministry for Home Affairs, National Security and Law Enforcement (MHSE) u l-MDD. Dan il-ftehim jippermetti li jsiru sessjonijiet ta' terrapija għall-familji (dawn huma mogħtija mill-Institute of Family Therapy – IFT Malta) mal-priġunieri nfushom u l-membri l-oħra tal-istess familja. Hawnhekk il-ħsieb prinċipali huma l-priġunieri u l-familji tagħhom li jiffaċċjaw nuqqasijiet psiko-soċjali u ekonomici kif ukoll stigma soċjali, jkun assisti wkoll

[10] Sa Lulju 2020 din il-figura kienet ta' bejn wieħed u ieħor 60.

[11] Locked Out

b'mod ħolisitiku. Dan il-proġett jieħu ħsieb fenomeni ta' kriminalità minn ġenerazzjoni għall-oħra li teżisti u jikkonċentra fuq numru żgħir ta' familji. Huwa nnutat li dan il-proġett imur lil hinn mill-inizjattivi mfassla fin-National Crime Prevention Strategy bil-ħsieb li jnaqqas il-kriminalità mgħoddija minn ġenerazzjoni għall-oħra. Dan il-programm ilu fis-seħħ minn Jannar 2021. Il-programmi terapewtiċi iħaddnu "case management, sessjonijiet ta' terapija għal familji, taħriġ fit-trobbija għall-ġenituri, psikoterrapija speċjalizzata one to one, u terapija fi gruppi (Ngħinu lill-Familji tal-Priġunieri, 2020 p. 11).

L-MOU jispeċifika li 45 programm terapewtiku ikunu ingħataw sal-2023. Ta' importanza ikbar irid jingħad li fl-ewwel 2 xhur ta' dan il-proġett, 15-il familja kienu pprovduti s-servizzi. Fi kliem ieħor, jidher ċar li l-kollaborazzjoni bejn il-Ħabs u l-koordinaturi tal-programm qed iħalli l-frott f'termini ta' riferenzi. Il-Ħabs, permezz tat-Taqsima tal-Kura, Ri-integrazzjoni u Edukazzjoni tirreferi priġunieri għall-programm. Ta' importanza ukoll, li dan il-programm joffri ukoll servizzi lill-familji tal-priġunieri li għandhom bżonn l-għajnuna fil-komunità'. Wieħed jista' jara li l-familji jistgħu jersqu għall-għajnuna fuq l-inizjattiva tagħhom stess; Il-website tal-MDD tirreklama dan is-servizz u numru ta' riklami qegħdin jidhru fuq il-midja u l-mezzi soċjali (Facebook bħala l-pjattaforma prinċipali). Total ta' 3 terapisti huma nvoluti fit-twettiq ta' dawn is-sessjonijiet terapewtiċi.

- RISE hija NGO li twaqqfet fl-2013 li toffri ambjent residenzjali għall-irġiel sa mill-2016 u hija ffinanzjat Mill-Ministeru għall-Ġustizzja Soċjali, Solidarjetà' Soċjali, l-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal. Il-priġunieri eliġibbli huma dawk il-priġunieri li jkun fl-aħħar tas-sena karċerarja tagħhom. Irid jingħad li l-proċeduri biex priġunieri jidħlu bħala kandidati għall-programm tar-RISE inbidlu minn meta ddaħlu l-care plans. Hemm proċedura sħiħa li trid tiġi segwita; applikazzjoni għal-leave mill-ħabs u sussegwentement l-ipproċessar ta' dawn it-talbiet lill-Bord tar-RISE. Madankollu, din il-proċedura hemm bżonn li tiġi riveduta għax sal-lum għadha ma tidhirx ċara fir-Regolamenti tal-Ħabs. 16 Il-ħtieġa għall-protokolli ċari li jiddefinixxu l-kriterja tal-eliġibilità huma ukoll bżonjuzi għaliex sa llum dan il-proċess huwa pjuttost fjakk. Priġunieri li jkunu għadhom dipendenti fuq id-droga

iridu l-ewwel jeħilsu mid-droga qabel jkunu jistgħu isegwu l-programm tar-RISE; din hija pre-rekwisit mitluba minn RISE. Il-programm huwa maqsum fi tlett stadji. Fl-ewwel 4 xhur il-priġunieri jkollhom is-sessjonijiet fi gruppi, 17 jirċievu t-terapija konjuttiva u ħiliet li għandhom x'jaqsmu mal-ħiliet tal-komunikazzjoni. Din il-fażi hija vitali biex il-priġunieri jidraw jaddattaw għall-ħajja fil-komunità'. It-tieni fażi għandha x'taqsam mal-preparazzjoni għall-impieg u RISE tara li kull impjegat jinstablu xogħol. Fl-aħħar fażi tal-programm il-priġunieri joħorġu jaħdmu l-ġurnata kollha (full-time) sakemm l-mġieba tagħhom tkun tajba li tippermetti li jagħmlu dan. Ħiliet oħra li jiġu indirizzati għandhom x'jaqsmu ma' kif iħaddmu l-flus billi numru kbir ta' priġunieri ikunu ġew maqfula għal tul ta' żmien ikollhom bżonn li jiġu mgħejuna kif iqassmu l-flus. L-ebda tag elettroniku ma tintuża imma l-programm jaħseb għal pjan imfassal għal kul priġunier.

D.3.) Riabilitazzjoni mid-Droga

Fir-rigward tal-programmi tar-riabilitazzjoni mid-droga, dawn ilhom jingħataw għal diċenji mill-aġenziji governattivi u oħrajn non governattivi li jaħdmu fil-komunità: Sedqa, Caritas u Oasi. Il-priġunieri jagħżlu fejn jixtiequ jwettqu l-programm tar-riabilitazzjoni imma finalment id-deċiżjoni tibqa' fuq bord speċifiku; PARMB. Jekk priġunier jikser xi regolamenti mposti minn min jieħu ħsieb il-programm dan jintbagħat lura l-ħabs.

Kien irrimarkat illi minħabba li l-Ħabs impjega koordinaturi tal-care plan, saret aktar faċli li jiġi kkoordinat id-dħul tal-priġunier prospettiv fil-programm tar-riabilitazzjoni tagħhom. Għalhekk, kull komunikazzjoni meħtieġa (anke matul il-programm) kienu pprovduti minn 2 stakeholders fid-dawl ta' esperjenzi ta' kollaborazzjoni u relazzjonijiet ta' xogħol mat-tmexxija tal-Ħabs (Prison Management).

Barra minn hekk, is-sitwazzjoni tal-Covid 19 u r-restrizzjonijiet relatati maħruġa mill-Ħabs fir-rigwar tal-viżitaturi (professjonisti/nies involuti) bla dubju ma għinet xejn. Laqgħat onlajn ma' klijenti u klijenti prospettivi mhijiex l-aħjar soluzzjoni imma fl-eqqel tal-pandemija tal-Covid-19 hekk kien hemm bżonn. Diffikultà' kbira oħra għandha x'taqsam ma' priġunieri li jkunu għadhom kemm lestew il-programm għar-rijabiltazzjini mid-droga u jkunu qed jirritornaw il-Ħabs biex ikomplu jiskuntaw is-sentenza tagħhom. Jirriżulta li din id-deċiżjoni ttieħdet din l-aħħar sena għax qabel il-priġunieri kienu jestendu il-ġranet

hemmhekk biex jevitaw li jmorru lura għal-ħajja tal-ħabs anke jekk għal ftit ta' żmien. Ħafna drabi dawn il-priġunieri (irġiel) wara li ma jkunu spiċċaw il-programm tar-riabilitazzjoni tad-droga fil-komunità jintbagħatu f'Diviżjoni 7. Hekk, hemm iżjed lok għal flessibilità biex il-priġunieri ma jmorrux mill-ewwel lura l-ħabs hekk kif ikunu lestew b'suċċess programm għar-riabilitazzjoni tad-droga.

Ta' min jinnota li dak ir-residenti li huwa ssentenzjati għal għomor ma humiex eliġibbli li jattendu għal xi programm tar-riabilitazzjoni kontra d-droga imwaqqaf mill-istakeholders.

Mill-2019 'l hawn programm fid-Diviżjoni 7 twaqqaf bl-iskop li jindirizza numru ta nuqqasijiet relatati mas-servizzi tad-droga ġewwa l-ħabs. Numru ta' priġunieri li jirnexxielhom li jaqtgħu il-methadone jaħsbu li l-problema tad-droga tagħhom għebet u għalhekk iħossuhom li huma eliġibbli li jmorru għal programm tar-RISE. Madanakollu dan mhu minnu xejn u għalhekk biex inaqqas dan l-effett il-programm ta' Diviżjoni 7 iservi għal dan l-iskop. Dawn il-gruppi psiko-edukazzjonali huma mmirati biex jinkoraġġixxu l-priġunieri milli jibqgħu jagħmlu użu mid-droga; seba' sessjonijiet ta' madwar tliet siegħat -il waħda. Dawn is-sessjonijiet jiġu kkoordinati mit-Taqsima tal-Kura, Ri-integrazzjoni u Edukazzjoni flimkien ma' Sedqa. Dan huwa importanti mmens għax mhux il-priġunieri kollha huma eliġibbli għal-programmi mnehdija fil-komunità' u anke dawk li jieqfu mill-programm imorru lura l-Ħabs.

**Dawn li ġejjin huma rakkomandazzjonijiet li jirreferi għat-termini ta' riferenza D.**

Rakkomandazzjoni nru. 1: Għandu jkun hemm aktar armonija fil-programmi ta' trattament offruti mit-tlett partijiet interessati fid-dawl tar-razzjonali u oġġettivi tal-programmi tat-trattament. Din l-armonija għandha jkollha evidenza xjentifika.

Rakkomandazzjoni nru. 2: Ir-regolamenti tal-ħabs għandhom jiġu riveduti f'dak li għandu x'jaqsam mal-leave għar-riabilitazzjoni . Sal-lum huwa biss wara 6 xhur li priġunier jista' jagħmel użu mill-leave tal-ħabs biex jattendi programm ta' trattament fil-komunità. Il-Bord jirrakkomanda li dan il-perjodu jitniżżel għal 3 xhur għal sentenzi ta' ħabs sa sentejn. Fir-

rigward ta priġunieri li jkunu għadhom kemm ġew issentenzjati li diġà' kienu f'kuntatt ma' xi aġenzija qabel daħlu l-ħabs dak il-proċess għandu jitkompla u priġunier m'għandux jistenna li jgħaddu it-3/6 xhur.

Rakkomandazzjoni nru. 3: Il-priġunieri li jispiċċaw il-programm tar-riabilitazzjoni mid-droga fil-komunità' idealment m'għandhomx jerġgħu jintbagħtu l-ħabs. Madanakollu il-Bord jagħraf li għal xi priġunieri li jirritornaw il-ħabs huwa inevitabbli bħal meta każ ġdid ikun miftuħ u l-ħelsien mill-arrest ma tingħatax. Għalhekk spazju maħsub fl-area tal-ħabs għandu jinstab biex jilqa' dawk il-priġunieri li jkunu lestew b'suċċess il-programm mir-riabilitazzjoni tad-droga meta jmorru lura Kordin.

Rakkomandazzjoni nru. 4: Sa llum il-koordinaturi tal-care plan ifasslu l-care plan, imma il-ħarsien kontinwi tal-implimentazzjoni tal-care plans għandha tkun riveduta u msaħħa aktar. Fejn jidħlu l-care plans appraoch multi-dixxiplinarju huwa meħtieġ; sa mill-ewwel ġurnata iridu jidħlu professjonisti differenti bħal psiko-soċjali, mediċi u psikjatriċi, li jaħdmu ġewwa CSA fit-tfassil tal-care plan propju u sussegwentement li jiġi rivedut u mplimentat.

Rakkomandazzjon nru. 5: Sal-lum huma biss dawk il-priġunieri li jkunu riferuti li jirċievu l-għajnuna psikoloġika. Din il-prattika għandha tinbidel sabiex il-priġunieri kollha jarhom psikologu u l-priġunieri ġodda jingħataw attenzjoni speċjali. Dan huwa meħtieġ għal prevenzjoni b'mod partikolari tas-suwiċidju.

Rakkomandazzjoni nru. 6: Fid-dawl tar-rakkomandazzjoni 5, qed tinġibed l-attenzjoni li għandu jkun hemm iżjed għodda aċċessibbli għal psikoloġisti u l-ingaġġ ta' nies esperti bħal psikoloġisti kliniċi, nies li jagħtu pariri (counsellors). B'hekk tinħoloq xirka ta' nies psiko-soċjali esperti flimkien mas-servizzi ta' riabilitazzjoni li jingħataw ġewwa l-ħabs.

Rakkomandazzjoni nru. 7: Għandhom jitfasslu protokolli ċari li jelenkaw il-kriterja ta' eleġibilità biex priġunier japplika kemm għall-programmi kif ukoll għall-attivitajiet ġewwa u barra l-ħabs.

Rakkomandazzjoni nru. 8: Diviżjoni 7 tilqa' taħlita ta' priġunieri; dawk li qed isegwu xi programm ġewwa l-ħabs u dawk li jagħmlu użu mill-prison leave għal xogħol fil-komunità' u dawk li jmorru jaħdmu qabel ma jinħelsu. Din il-problema għandha tiġi ndirizzata; il-gruppi huma wisq imħalltin.

Rakkomandazzjoni nru. 9: Problemi relatati mal-użu tal-alkoħol u d-dipendenza fuq ix-xorb ukoll għandhom jiġu ndirizzati.

Rakkomadazzjoni nru. 10: Meta wieħed iqis li l-popolazzjoni tal-ħabs qegħda dejjem tiżdied, it-teħid tad-droga u problemi kliniċi oħra li jistgħu ikunu anke jew le relatati mit-teħid tad-droga, il-bżonn ta' taqsima ta' riabilitazzjoni vera u proprja ġewwa l-ħabs li qed jilqa' numru sinifikanti ta' priġunieri hija mportanti mmens.

Rakkomandazzjoni nru. 11: Qed issir referenza għal Kapitlu 260 (260.03). Dan il-Kapitlu għandu jiġi rivedut sabiex ir-riabilitazzjoni , l-edukazzjoni u ri-integrazzjoni tal-priġunieri fis-soċjetà', ikunu fuq l-aġenda u jkunu msaħħa b'qafas legali. Kif inhuma llum, il-liġijiet huma pjuttost fjakki u ma jiżgurawx li l-priġunieri kollha jingħataw is-servizzi.

## E) L-skrutinju fuq il-miżuri għall-prevenzjoni mis-suwiċidju li ssegwi l-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi.

L-evalwazzjoni tar-riskju tas-suwiċidju tal-priġunieri ġodda jaqa' primarjament taħt ir-responsabbiltà' tat-tobba mediċi li jaħdmu ġewwa l-ħabs. Barra minn hekk it-tobba jirreferu il-priġunieri lill-psikjatra u l-psikoloġisti jekk jidhrilhom li hemm bżonn li jagħmlu dan.

Abbozz informali (draft) ta' dokument kien ippreżentat lil dan il-Bord, liema dokument jiffoka fuq il-prevenzjoni tas-suwiċidju fil-Ħabs ta' Malta fl-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi. Dan ir-rapport jelenka numru ta' fatturi ta' riskju u jidentifika l-profil ta' priġunieri li huma potenzjalment vulnerabbli għal suwiċidju. Għalkemm dan id-dokument mhuwiex ippubblikat u għadu jrid jibda jiġi implimentat, madanakollu il-Bord iqis li numru ta' fatturi importanti diġa' qegħdin hemm. Dawn jinkludu l-evalwazzjoni medika hekk kif jiddaħħal priġunier, il-Core Needs Assessment (CNA), it-tfassil tal-Basic Care Plan u tfassil tal-Enhanced Care Plan.

Huwa tajjeb li jiġi enfasizzat illi dan il-Bord t'Inkjesta evalwa l-konklużjonijiet ta' Inkjesti Maġisterjali fir-riwgard ta' mwiet[12] ta' residenti li seħħew bejn l-2003 u Settembru tal-2021. Total ta' 18-il inkjesta konkluża ġew evalwati; waħda fost liema azzjoni kriminali ittieħdet fil-konfront ta' żewġ membri tal-istaff tal-Ħabs.

Ta' min isemmi li r-rakkomandazzjonijiet relatati mal-aspetti operazzjonali tal-Ħabs, rakkomandazzjonijiet relatati mar-riabilitazzjoni u rakkomandazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tad-dixxiplina msemmija aktar il-fuq f'dan id-dokument bla dubju se jħallu impatt dirett jew indirett fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-priġunieri u sussegwentement il-prevenzjoni ta' suwiċidju. Fi kliem ieħor, ħafna jekk mhux kollha mill-fatturi u l-proċessi li ġew ikkunsidrati f'dan id-dokument huma sa ċertu punt, immirati li jnaqqas l-inċidenza ta' suwiċidji fil-ħabs. Ir-realtà' ta' suwiċidju fil-ħabs hija wkoll kumplessa billi l-popolazzjoni tal-ħabs hija assjem ta' nies b'bagalja ta' esperjenzi li jiġu biha minn qabel li hija marbuta ma' ħajjithom qabel ma jidħlu l-ħabs. Għaldaqstant, dan id-dokument jipprova jitfa' dawl fuq oqsma li għandhom jiġu indirizzati sabiex wieħed jaġixxi minn qabel fuq ir-riskju u l-fatturi li wasslu għal suwiċidji ġewwa l-ħabs, kif ukoll biex jibdel il-ħabs f'ambjent li wieħed jista' jkampa aktar u jgħix fih.

**Minbarra dan kollu, dan li ġej hija lista ta' rakkomandazzjonijiet li jolqtu t-termini ta' riferenza E**.

Ir-rakkomandazzjonijiet isottolineati minn dan il-Bord ta' Inkjesta huma konformi mar-rakkomandazzjonijiet tas-CPT (2016), liema rakkomandazzjonijiet huma kollha aċċettati u jagħmilhom tiegħu dan il-Bord ta' Inkjesta.

[12] Residenti li mietu fi ħdan il-bini tal-Ħabs u residenti li mietu ġewwa l-Isptar u ġew nieqas filwaqt li huma kienu qegħdin jieħdu l-kura hemm.

Rakkomandazzjoni nru. 1: Hemm bżonn li jiġi introdott fil-Ħabs "Approach maniġerjali komprensiv għall-prevenzjoni tas-suwiċidju"[13].

Rakkomandazzjoni nru. 2: L-iscreening għas-suwiċidju tal-priġunieri ġodda m'għandiex taqa' taħt ir-responsabbiltà tat-tobba mediċi biss imma tal-persuni kollha involuti fil-proċess tad-dħul fil-ħabs tal-priġunier. Mezz ta' kif wieħed jidentifika l-possibbiltà ta' suwiċidju (suicide screening tool) għandu jinstab.

Rakkomandazzjoni nru 3: L-istaff tal-Ħabs għandu jkun mgħarraf minn qabel dwar riskju kbir ta' ħsara lilhom infushom u suwiċidju; taħriġ għall-istaff kollu huwa meħtieġ. Prijorita' għat-taħriġ għandha tingħata lil dawk il-persuni li jaħdmu fit-taqsima tal-induzzjoni u tad-dħul fil- ħabs (reception).

Rakkomandazzjoni nru. 4: Priġunieri li daħlu għall-ewwel darba għandhom jingħataw attenzjoni partikolari. L-istess japplika għall-priġunieri li juru xi sinjali ta' saħħa u problemi ta' detossifikazzjoni.

Rakkomandazzjoni nru. 5: Sett ta' linji gwida għall-identifikazzjoni u management ta' priġunieri f'riskju ta' ħsara lilhom infushom u suwiċidji. Dawn il-linji gwida għandhom jassiguraw li l-informazzjoni kollha neċessarja tkun tasal għand l-istaff kollu li jaħdem il-ħabs fid-dawl ta' biża' ta' ħsara lilhom infushom u suwiċidju b'mod etiku.[14]

[13] CPT (2016).
[14] CPT (2016).

## KONKLUŻJONIJIET

Illi wara debita konsiderazzjoni b' aċċenn għax-xhieda kollha li dan il-Bord kellu l-opportunità li jismgħa, jarbel id-dokumentazzjoni preżentata u saħansitra s-sisien legal li kien jinkombi fuqu sabiex jevalwa, il-Bord qiegħed jiġbor assjem ta' konklużjonijiet u rikomandazzjonijiet li fil-fehma tiegħu għandhom jiġu indirizzati u implimentati mill-awtoritajiet konċernati u l-Gvern.

Id-dinja' evolviet u s-soċjetà' nbidlet. Daqstant ieħor inbidlu l-forom tar-reati kriminali. Kif diġa saret referenza preċedentment f'dan ir-rapport, wieħed ma jistax jinjora r-realtà' impellenti li għandha tiġi indirizzata minnufih fir-rigward ta' iffullar fid-diviżjonijiet tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Ir-riżoluzzjoni ta' din ir-realtà' ssolvi diversi sferi oħra li bħalissa huma kkunsidrati problematiċi, fost oħrajn in-nuqqas ta' distinzjoni bejn inkarċerati sentenzjati jew taħt arrest preventiv, l-istat tar-riabilitazzjoni li l-priġunier in kwistjoni jkun wasal fih u d-distinzjoni tar-reati fl-ispektru wiesa' li wieħed jista' jkun akkużat/sentenzjat bih fost oħrajn.

F'dan ir-rigward jiġi enfasizzat illi jeħtieġ li tkun studjata s-sistema tal-mod li bih ikunu mqassma l-priġunieri fid-diviżjonijiet rispettivi. Filwaqt li tibqa' tkun iffukata l-ħidma fuq dawk b'sentenzi ta' reati meqjusa bħala gravissimi, tinħass il-ħtieġa li pajjiżna jaġġorna s-sistemi tiegħu għal reati meqjusa inqas gravi jew li ma jimpurtawx atti ta' vjolenza b'dan illi n-nuqqas ta' klassifikazzjoni għall-priġunieri ta' kwalunkwe reati mingħajr distinzjoni ma tibqax issir.

Għandhom ukoll ikunu studjati sistemi oħra li bihom f'Malta jkollna l-ħolqien ta' forom differenti ta' ċentri li fihom jinżammu l-priġunieri. Għaldaqstant, dan il-Bord jara li għandu jkollna diviżjoni ta' sigurtà' għolja, medja u oħra b'mod rispettiv. Għandu jkun hemm ukoll protokolli ċari ta' kif din il-materja għandha titħaddem.

Segwitu għal dak mitkellem mill-Gvern fil-Budget għas-sena 2022, l-awtoritajiet għandhom jassiguraw illi jkun komunikat il-pjan wara l-ħolqien ta' ċentru riabilitattiv ġdid f'sistemi ta' sigurtà' minima. Dan il-proġett, mhux biss għandu jtaffi l-problema tal-iffullar, iżda jsaħħaħ ir-riabilitazzjoni tal-priġunieri bil-għan ewlieni li jiġi mitigat iċ-ċirku vizzjuż tal-kriminalità' u ma jħallix vittmi ġodda.

B'rispett lejn il-familjari tal-priġunieri li fl-aħħar mill-aħħar huma wkoll vittmi tal-kriminalità', għandu jitniehed proġett fejn dawk il-familjari li jkunu meqjusa bħala vulnerabbli jew addirittura minuri, għandhom ikollhom l-opportunità li jaraw lir-residenti tal-faċilità korrettiva f'visti skedati l'barra mill-bini tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, u dan f'ambjent dinjituż li ma joħloqx preġudizzju jew itappan il-personalità tal-inkarċerat mal-ulied jew qraba oħra tiegħu/tagħha.

**Għaldaqstant, qegħdin jerġgħu jiġu riprodotti mill-ġdid ir-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tat-termini ta' referenza li ingħataw lil dan il-Bord:**

Rakkomandazzjoni nru 1: Tikkunsidra li fis-sitwazzjoni tal-pandemija li wieħed ikun iżolat f'kamra singola sakemm joħroġ ir-riżultat tal PCR tal-Covid-19 probabbilment m'għadx hemm bżonnha. Il-proċess għandu jiġi rivedut b'konsultazzjoni mal-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika.

Rakkomandazzjoni nru 2: Saret referenza għal tliet ikmamar singoli u d-dormitorju użat għal priġunieri ġodda. L-ambjent jinħtieġ jiġi mtejjeb b'tali mod li ma jħallix impatt negattiv fuq il-priġunieri, aktar u aktar fuq dawk ikkunsidrati vulnerabbli.[15]

Rakkomandazzjoni nru 3: Filwaqt li qed jiġi rikonoxxut li l-ispazji huma limitati u l-popolazzjoni qegħda dejjem tikber, m'għandhomx jippermettu li priġunieri ġodda u dawk li qed iservu sanzjoni jkunu miżmuma fl-istess post.

Rakkomandazzjoni nru. 4: Proċess ta' induzzjoni kif suppost u t-twaqqif ta' taqsima proprja fejn jiġu milqugħa l-priġunieri ġodda. Din tgħin billi ssir assessjar aħjar u iżjed ikkurat tal-priġunieri li jmur lill' hinn mill-assessjar mediku, imma assessjar li kif inhu xieraq li jwassal għal klassifikazzjoni u allokazzjoni aħjar tal-priġunieri. Jekk it-taqsima tal-induction iddum biex titwaqqaf, il-priġunieri kollha għandhom jgħaddu minn proċess ta' induzzjoni irrispettivament jekk humiex allokati f'taqsima ta' induzzjoni.

Rakkomandazzjoni nru. 5: L-iscreening fil-kamra tal-wasla waqt id-dħul għandha tinkludi l-iscreening magħmul minn professjonisti psiko-soċjali inkluż psikoloġisti biex permezz

[15] Kunsiderazzjonijiet ta' saħħa mentali; konsiderazzjonijiet ta' ditossifikazzjoni; iż-żagħżagħ; il-gruppi ta' minoranza; il-barranin; persuna sentenzjati għal għomor u sentenzi twal.

t'hekk jiġu identifikati affarijiet relatati ma anzjetà, dipressjoni, ħsara lilhom infushom u suwiċidju. Referenza wkoll għandha ssir fir-rigward ta' rakkomandazzjonijiet fil-Politika tal-Prevenzjoni tas-Suwiċidju.

Rakkomandazzjoni nru. 6: Klassifikazzjoni aħjar tal-priġunieri u sistema t'allokazzjoni adegwata tal-priġunieri fid-Diviżjonijiet hija meħtieġa. Il-kriterji għall-klassifikazzjoni u l-allokazzjoni għandhom ikunu miktuba b'mod ċar u għandhom ikunu tali li jaqblu mar-Regoli tal-Ħabsijiet Ewropej.

Rakkomandazzjoni nru. 7: Żamma ċara tad-data li ssegwi l-movimenti kollha tal-priġunieri f'kull post u kull ħin tal-ġurnata u tal-lejl.

Rakkomandazzjoni nru. 8: L-allokazzjoni tal-priġunieri f'diviżjoni b'mod aktar ristrett u sigur msejsa fuq l-assessjar tar-riskji fattwali. Filwaqt li l-priġunieri għandhom jiġu nfurmati l-ħin kollu huma għandhom ikollhom id-dritt li jappellaw lil Kummissjoni Indipendenti li tassigura li d-drittijiet tal-priġunieri jiġu mħarsa.

Rakkomandazzjoni nru. 9: il-bżonn ta' twaqqif ta' entità indipendenti li tiltaqa' fil-Ħabs b'mod regolari biex tara li d-drittijiet tal-priġunieri qed ikunu mħarsa.

Rakkomandazzjoni nru. 10: Dan il-Bord ta' Inkjesta jgħaraf li hemm istanzi fejn priġunier jiġi maqful mill-ewwel huwa neċessarju. Madanakollu dan għandu jsir f'konformità mal-Kapitlu 260.3 68.(1) *"Id-Direttur jista' jordna li priġunier vjolenti jinżamm f'reklużjoni temporanja f'ċella addattat, iżda priġunier ma għandux hekk jinżamm bħala piena,, jew wara li ma jkunx baqa' vjolenti, (2) Jekk id-Direttur iżomm dik l-ordni fis-seħħ għal iżjed minn tmienja u erbgħin siegħa huwa għandu jikkonsulta lit-Tabib tal-Ħabs u għandu jgħarraf liċ-Chairman tal Bord.*[16]*''* ....

Rakkomandazzjoni nru. 11: It -twaqqif ta' Bord ta' Dixxiplina hemm bżonn li jiġi rivedut flimkien mal-azzjoni dixxiplinari. L-ebda azzjoni dixxiplinari m'għandha tiġi meħuda qabel ma'jiltaqa' l-Bord u jasal għal deċiżjoni. Sal-lum il-Bord ta' Dixxiplina jiltaqa' biss darba fix-xahar. Din il-prattika għandha tiġi riveduta: 1) il-Bord tad-Dixxiplina għandu jiltaqa' aktar ta' spiss tal-anqas darbtejn fil-ġimgħa, 2) rappreżentant tal-Bord tal-Moniteragg għandu jkun preżenti biex ikun jista' jiġi kkonsultat (ġaladarba li huma ma

[16] Bord ta' Moniteraġġ

kienux mistiedna f'dawn l-aħħar xhur u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-Ħabs), 3) membru mill-istaff psikjatriku-soċjali irid ikun preżenti (psikologu /psikologu trainee/assistent psikologu) li jista' jiġi kkonsultat 4) il-kompożizzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina – imħallef/maġistrat irtirat/membru professjonali psikjatriku-soċjali irtirat (minn barra s-sistema) għandu jmexxi dan il-Bord biex jikkoordina l-proċess dixxiplinari.

Rakkomandazzjoni nru 12: Sal-lum il-priġunieri m'għandhomx dritt jappellaw deċiżjonijiet meħuda mill-Bord tad-Dixxiplina. Din trid tinbidel.

Rakkomandazzjoni nru 13: Hemm bżonn jiġi rivedut il-mod ta' kif jingħataw il-privileġġi. Ix-xogħol mhux privileġġ. Hemm bżonn ta' protokolli u kriterji li tagħmel mil-priġunier eliġibbli għax xogħol ċari bejn l-erbgħa ħitan tal-Ħabs.

Rakkomandazzjoni nru 14: Hemm bżonn li jiġu emendati r-Regolamenti tal-Ħabs u l-qafas legali relatat mar-remissjoni. Dawn għandhom jitfasslu b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet li kienu saru mill-CPT (2016).

Rakkomandazzjoni nru. 15: L-użu tal-kmamar singoli u s-segregazzjoni tal-priġunieri iridu jkunu konformi mar-Regoli tal-Ħabs.

Rakkomandazzjoni nru. 16: It-tfassil u r-revizjoni mill-ġdid tal-care plans għandhom jiżguraw li "medical care plan" miġbura mit-Taqsima tal-Forensika għandha tiġi integrata kompletament bħala care plan mal-proċess li jibda mad-dħul tal-priġunier fil-ħabs. Illi għalhekk approach multi-dixxiplinarju fit-tfassil, tħejjija, ir-reviżjoni u l-implimentazzjoni tal-care plan hija meħtieġa.

Rakkomandazzjoni nru. 17: Għandu jkun hemm aktar armonija fil-programmi ta' trattament offruti mit-tlett partijiet interessati fid-dawl tar-razzjonali u oġġettivi tal-programmi tat-trattament. Din l-armonija għandha jkollha evidenza xjentifika.

Rakkomandazzjoni nru. 18: Ir-regolamenti tal-ħabs għandhom jiġu riveduti f'dak li għandu x'jaqsam mal-leave għar-riabilitazzjoni . Sal-lum huwa biss wara 6 xhur li priġunier jista' jagħmel użu mill-leave tal-ħabs biex jattendi programm ta' trattament fil-komunità. Il-Bord jirrakkomanda li dan il-perjodu jitniżżel għal 3 xhur għal sentenzi ta' ħabs sa sentejn. Fir-rigward ta priġunieri li jkunu għadhom kemm ġew issentenzjati li diġà kienu f'kuntatt ma' xi aġenzija qabel daħlu l-ħabs dak il-proċess għandu jitkompla u priġunier m'għandux jistenna li jgħaddu it-3/6 xhur.

Rakkomandazzjoni nru. 19: Il-priġunieri li jispiċċaw il-programm tar-riabilitazzjoni mid-droga fil-komunità' idealment m'għandhomx jerġgħu jintbagħtu l-ħabs. Madanakollu il-Bord jagħraf li għal xi priġunieri li jirritornaw il-ħabs huwa inevitabbli bħal meta każ ġdid ikun miftuħ u l-ħelsien mill-arrest ma tingħatax. Għalhekk spazju maħsub fl-area tal-ħabs għandu jinstab biex jilqa' dawk il-priġunieri li jkunu lestew b'suċċess il-programm mir-riabilitazzjoni tad-droga meta jmorru lura Kordin.

Rakkomandazzjoni nru. 20: Sal-lum il-koordinaturi tal-care plan ifasslu l-care plan, imma il-ħarsien kontinwi tal-implimentazzjoni tal-care plans għandha tkun riveduta u msaħħa aktar. Fejn jidħlu l-care plans approach multi-dixxiplinarju huwa meħtieġ; sa mill-ewwel ġurnata iridu jidħlu professjonisti differenti bħal psiko-soċjali, mediċi u psikjatriċi, li jaħdmu ġewwa CSA fit-tfassil tal-care plan propju u sussegwentement li jiġi rivedut u mplimentat.

Rakkomandazzjoni nru. 21: Sal-lum huma biss dawk il-priġunieri li jkunu riferuti li jirċievu l-għajnuna psikoloġika. Din il-prattika għandha tinbidel sabiex il-priġunieri kollha jarhom psikologu u l-priġunieri ġodda jingħataw attenzjoni speċjali. Dan huwa meħtieġ għal prevenzjoni b'mod partikolari tas-suwiċidju.

Rakkomandazzjoni nru. 22: Fid-dawl tar-rakkomandazzjoni 21, qed tinġibed l-attenzjoni li għandu jkun hemm iżjed għodda aċċessibbli għal psikoloġisti u l-ingaġġ ta' nies esperti bħal psikoloġisti kliniċi, nies li jagħtu pariri (counsellors). B'hekk tinħoloq xirka ta' nies psiko-soċjali esperti flimkien mas-servizzi ta' riabilitazzjoni li jingħataw ġewwa l-ħabs.

Rakkomandazzjoni nru. 23: Għandhom jitfasslu protokolli ċari li jelenkaw il-kriterja ta' eleġibilità biex priġunier japplika kemm għall-programmi kif ukoll għall-attivitajiet ġewwa u barra l-ħabs.

Rakkomandazzjoni nru. 24: Diviżjoni 7 tilqa' taħlita ta' priġunieri; dawk li qed isegwu xi programm ġewwa l-ħabs u dawk li jagħmlu użu mill-prison leave għal xogħol fil-komunità' u dawk li jmorru jaħdmu qabel ma jinħelsu. Din il-problema għandha tiġi ndirizzata; il-gruppi huma wisq imħalltin.

Rakkomandazzjoni nru. 25: Problemi relatati mal-użu tal-alkoħol u d-dipendenza fuq ix-xorb ukoll għandhom jiġu ndirizzati.

Rakkomandazzjoni nru. 26: Meta wieħed iqis li l-popolazzjoni tal-ħabs qegħda dejjem tiżdied, it-teħid tad-droga u problemi kliniċi oħra li jistgħu ikunu  anke jew le relatati mit-teħid tad-droga, il-bżonn ta' taqsima ta' riabilitazzjoni  vera u proprja ġewwa l-ħabs li qed jilqa' numru sinifikanti ta' priġunieri hija mportanti mmens.

Rakkomandazzjoni nru. 27: Qed issir referenza għal Kapitlu 260 (260.03). Dan il-Kapitlu għandu jiġi rivedut sabiex ir-riabilitazzjoni , l-edukazzjoni u ri-integrazzjoni tal-priġunieri fis-soċjetà', ikunu fuq l-aġenda u jkunu msaħħa b'qafas legali. Kif inhuma llum, il-liġijiet huma pjuttost fjakki u ma jiżgurawx li l-priġunieri kollha jingħataw is-servizzi.

Rakkomandazzjoni nru. 28: Hemm bżonn li jiġi introdott fil-Ħabs "Approach maniġerjali komprensiv għall-prevenzjoni tas-suwiċidju"[17].

Rakkomandazzjoni nru. 29: L-iscreening għas-suwiċidju tal-priġunieri ġodda m'għandiex taqa' taħt ir-responsabbiltà' tat-tobba mediċi biss imma tal-persuni kollha involuti fil-proċess tad-dħul fil-ħabs tal-priġunier. Mezz ta' kif wieħed jidentifika l-possibbiltà' ta' suwiċidu (suicide screening tool) għandu jinstab.

Rakkomandazzjoni nru 30: L-istaff tal-Ħabs għandu jkun mgħarraf minn qabel dwar riskju kbir ta' ħsara lilhom infushom u suwiċidju; taħriġ għall-istaff kollu huwa meħtieġ. Prijorità' għat-taħriġ għandha tingħata lil dawk il-persuni li jaħdmu fit-taqsima tal-induzzjoni u tad-dħul fil-ħabs (reception).

Rakkomandazzjoni nru. 31: Priġunieri li daħlu għall-ewwel darba għandhom jingħataw attenzjoni partikolari. L-istess japplika għall-priġunieri li juru xi sinjali ta' saħħa u problemi ta' detossifikazzjoni.

Rakkomandazzjoni nru. 32: Sett ta' linji gwida għall-identifikazzjoni u management ta' priġunieri f'riskju ta' ħsara lilhom infushom u suwiċidji. Dawn il-linji gwida għandhom jassiguraw li l-informazzjoni kollha neċessarja tkun tasal għand l-istaff kollu li jaħdem il-ħabs fid-dawl ta' biża' ta' ħsara lilhom infushom u suwiċidju b'mod etiku.[18]

---

[17] CPT (2016).
[18] CPT (2016).

**Illi fl-aħħar nett, in suċċint, b'mod konklussiv dan il-Bord qiegħed jippreżenta rakkomandazzjonijiet finali għad-debità konsiderazzjoni:**

Rakkomandazzjoni nru. 1: L-arrestati u s-sentenzjati għandhom ikunu miżmuma f'sezzjonijiet tal-ħabs differenti.

Rakkomandazzjoni nru. 2: It-trasferiment frekwenti minn diviżjoni għall-oħra għandu jiġi mnaqqas kemm jista' jkun għaliex dan jista' joħloq stress insapportabbli bla bżonn.

Rakkomandazzjoni nru. 3: Il-Bord jirrakkomanda li l-qfil f'iżolament (solitary confinement) għandu jiġi biss esegwit b'ordni tal-Qorti. Għalhekk, ir-Regolamenti tal-Ħabs għandhom jiġu aġġornati kif jinħtieġ.

Rakkomandazzjoni nru. 4: Għandu jkun hemm bidla fl-attitudni li tersaq aktar lejn bilanċ ta' kontroll, sigurtà' u kura.

Rakkomandazzjoni nru 5: It-taħriġ tal-uffiċjali korrettivi kollha u mhux esklussivament ir-rekruti l-ġodda għandu jkun kontinwu u estensiv. Dan m'għandux biss jiffoka fuq is-sigurtà' u fuq kif għandhom jagħtu l-ewwel għajnuna, iżda għandu jiġi introdott taħriġ li jirrifletti l-aspetti psiko-soċjali tal-priġunieri. Dan għandu jassigura li l-uffiċjal korretiv ikun iżjed konxju dwar il-qagħda soċjali tal-priġunier u l-bżonnijiet holistiċi tiegħu/tagħha.

Rakkomandazzjoni nru. 6: In-nisa għandhom ħafna inqas opportunitajiet mill-irġiel. Din għandha tiġi indirizzata u tingħata mhux biss prijorità' iżda implimentazzjoni effettiva minnufih.

Rakkomandazzjoni nru. 7:  Diffikultajiet u diverġenzi li għandhom x'jaqsmu ma' diskriminazzjoni ta' razza u etnika għandhom jiġu eradikati dan aktar u aktar meta l-popolazzjoni tal-ħabs hija predominanta minn persuni barranin.

Rakkomandazzjoni nru. 8: Il-visti tal-priġunieri mal-familjari m'għandhomx jiġu kompromessi. Meta wieħed iqis li l-popolazzjoni tal-priġunieri qegħda dejjem tiżdied, dan m'għandux jirifletti f'tnaqqis mill-viżti mal-familji tal-priġunieri. Il-prassi viġenti ta' sistema ta' roster ma tieħux in konsiderazzjoni dawk il-priġunieri li jkollhom it-tfal u li l-ħin tal-viżta allokati lilhom jistgħu jaħbtu f'ħinijiet li ma jkunux prattiċi.

Rakkomandazzjoni nru. 9: Saret referenza li qed jitfasslu l-SOPs. Dawn għandhom jitlestew minnufih. Barra minn hekk in-nuqqas ta' protokolli (minbarra dawk għas-servizzi tas-saħħa) jinħassu ferm. Kull taqsima jew servizz li jingħata fil-Ħabs irid ikollu protokolli ċari.

Rakkomandazzjoni Nru 10: Għandhom jiżdiedu miżuri leġislattivi li bihom ikun hemm skrutinju fuq it-tmexxija tal-Ħabs. Dan għandu jinkludi it-tisħiħ tal-Bord tal-Moniteraġġ eżistenti u li r-rakkomandazzjonijiet tiegħu jkunu imposti bil-Liġi b'dan illi għandhom jiġu implimentati mingħajr stħarriġ ulterjuri mill-amministrazzjoni tal-Ħabs.

Rakkomandazzjoni Nru 11: Illi għanhom jiġu introdotti bidliet leġislattivi sabiex il-qafas li fuqu mfassla it-tmexxija u l-organizazzjoni tal-Ħabs tirrifletti sistemi indipendenti, imparzjali u trasparenti ta' *checks and balances* adegwati li jagħtu ħajja l-prinċipji naturali tal-ġustizzja u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Rakkomandazzjoni Nru 12: Għandu jkun hemm twaqqif ta' entità indipendenti u imparzjali li tħares il-kura u l-qagħda soċjali tal-pruġunieri bil-għan illi filwaqt li tibqa' tkun assigurata is-sigurtà' fil-konfini tal-Ħabs, l-istess priġunieri jkunu qed jgħixu f'ambjent dinjituż u li jingħataw l-aqwa kura possibbli, inkluż għajnuna psiko-soċjali, aċċess ugwali għal xogħol, edukazzjoni u taħriġ.

Rakkomandazzjoni Nru 13: Illi l-Gvern għandu r-responsabbiltà li jassigura illi dak li wiegħed fil-Budget għas-sena 2022 għandu jitwettaq minnufih u dan b'enfasi partikolari għall-binja riabilitattiva, liema proġett isolvi diversi problemi kemm loġistiċi kif ukoll amministrattivi.

Rakkomandazzjoni Nru 14: In linea mar-rakkomandazzjoni preċedenti l-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi għandha tkun iktar miftuħa għall-ħidma id f'id u kollaborazzjoni sħiħa

mal-għaqdiet non-governattivi li jaħdmu fis-setturi korrettivi. Dan għandu jwassal sabiex jinħoloq bilanċ bejn iż-żamma tal-ogħla livell ta' sigurtà', filwaqt li tingħata dimensjoni ġdida lill-faċilitajiet korrettivi bl-involviment dirett ta' esperti u professjonisti fi ħdan dawn l-organizzazzjonijiet.

**Prof Anton Grech** M.D.,M.Sc.(Psych.)(Lond.),Ph.D.(Maas.),F.R.C.Psych.(UK)
**Chairperson**

**Dr Gorg Grech** M.R.C.S., L.R.C.P., M.M.C.F.D.
**Membru**

**Dr Janice Formosa Pace** B.Psy.(Melit.),P.G.Dip.Probation Services(Melit.),M.Sc.(Leics.),Ph.D.(Hudd.)
**Membru**